**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 31 ta` Mejju 2018**

**Kawza Nru. 7**
**Rikors Nru. 501/15 JZM**

**Dr. Kenneth Grima bhala mandatarju specjali ta` Samchrome FZE socjeta` rregistrata fl-Emirati Arab uniti (UAE)**

***kontra***

**Dr. Renald Micallef (ID785956M) bhala stralcarju tas-socjeta` KDK Limited, qabel Samchrome Limited (C35840) u ghan-nom tal-istess socjeta` KDK Limited kif ukoll f`ismu proprju ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-25 ta` Mejju 2015 li jaqra hekk :–

*1. Illi s-socjeta` KDK Limited kienet fis-16 ta` Jannar 2014 fuq struzzjonijiet tad-Direttur u l-ultimate beneficial owner taghha tpoggiet fi*

*stralc wara li l-istess Danko Koncar kien mela u ssottometta quddiem l-MFSA declaration of solvency tal-istess socjeta` kollox skond il-formola B(2) hawn annessa u mmarkata* ***DOKUMENT A****, kollox ai termini tal-Artikolu 268 tal-Companies Act 1995. Din id-declaration of solvency flimkien man-notice of dissolution tas-socjeta` KDK gew mghoddija lil MFSA tramite il-likwidatur Donatella Bondin,* ***DOKUMENT B*** *li wara ftit granet kienet irrizenjat minn likwidatur tas-socjeta`* ***DOKUMENT C*** *hawn anness u flokha gie sostitwit bhala likwidatur l-intimat Dr. Renald Micallef* ***DOKUMENT D.***

*2. Illi ghalkemm l-intimat kemm fil-kwalita` tieghu ta` likwidatur tas-socjeta` KDK Limited kif ukoll f`ismu proprju gie mgharraf sa minn Jannar tat-2014 illi kuntrarjament ghal dak li kien stqarr Danko Koncar fil-formola B(2) dokument A hawn anness illi s-socjeta` KDK Limited kienet kapaci thallas id-debiti kollha taghha sal-31 ta` Dicembru 2014, illi s-socjeta` rikorrenti kienet kreditrici ta` KDK Limited fis-somma ta` kwazi €3 miljun ewro li bl-imghaxijiet fuqha u sal-lum tammonta ghall-izjed minn €4 miljun ewro naqas mill-obligi tieghu bhala likwidatur kif ghadu jonqos sal-lum illi jsejjah creditors meeting kif kien obligat jaghmel skond id-disposizzjonijiet tal-Malta Companies Act u senjatament id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 265, 272 u 315 tal-istess Ligi.*

*3. Illi mhux hekk biss izda jidher car illi tant l-intimat pro et noe aggixxa u ghadu qed jaggixxi b`nuqqas ta` interess u, forsi aghar, b`negligenza liema bhala, illi mhux biss, sal-lum prattikament tmintax il-xahar wara li sar jaf bil-kreditu fuq imsemmi favur is-socjeta` rikorrenti kontra KDK Limited baqa`qatt ma talab li jsir creditor`s meeting, izda sahansitra f diversi okkazzjonijiet baqa``lanqas biss deher fil-proceduri istitwiti mis-socejta`rikorrenti kontra tieghu proprio et nomine quddiem dawn il-Qrati, u sahansitra naqas li jiddefendi lis-socjeta` KDK Limited fil-vesti tieghu ta` stralcarju taghha u inoltre naqas li jiddefendi lilu nnifsu personalment fl-imsemmija proceduri sabiex b`digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Dr. Kenneth Grima nomine vs Danko Koncar et nomine et, citazz numru 842/14JZM* ***DOKUMENT E*** *hawn anness kien gie ddikjarat kontumaci kemm f`ismu u kemm bhala likwidatur ta` KDK Limited kif ukoll fil-vesti tieghu personali.*

*4. Illi l-intimat pro et noe mhux biss naqas li jzomm creditor`s meeting immedjatament (forthwith) meta sar jaf li jezistu kredituri jew kredituri potezjali kontra s-socjeta` KDK limited kif kellu jaghmel ai termini tal-artikolu fuq citat izda kiser, sahansitra, il-provvedimenti tal-artikolu 273 Tal-kapitolu 386 tal-Ligijiet ta`Malta, meta anke wara li ghaddiet sena – infatti kwazi ghaddew sena u nofs – baqa`ma jsejjahx il-creditor`s meeting kif kien obbligat li jaghmel skond dan l-artikolu.*

*5. Illi minkejja l-istess intimat fil-vesti tieghu ta` likwidatur ta` KDK Limited gie mitlub jirrizenja mill-posizzjoni tieghu ta` likwidatur kemm permezz tal-protest gudizzjarju tal-14 ta`Marzu 2014,* ***DOKUMENT F*** *hawn anness kif ukoll ricentement u wara d-digriet dokument D, dan baqa` jirrifjuta li hekk jaghmel u insista li jkompli jaggixxi ta` likwidatur ta` KDK Limited. Illi kemm ghar-ragunijiet gia fuq deskritti u ghar-ragunijiet imsemmija fil-premessi tal-kawza fuq riferita u cioe` citazz numru 842/14JZM pero` wkoll minhabba l-fatt illi Dr. Renald Micallef proprio et nomine, ghandu kunflitt ta` interess liema bhalu meta jinsab anke assistit mill-istess avukat li qed jassisti ukoll kemm lil Danko Koncar f`ismu personali, kemm lill-ewwel likwidatur f`isimha proprio kif ukoll lill-istess socjeta` KDK Limited li certament u f`dawn ic-cirkostanzi mhux biss m`ghandhomx l-istess interess imma ghandhom interessi separati u mill-izjed konfliggenti, hemm il-htiega illi l-istess intimat jigi mwarrab mill-inkariga tieghu ta` likwidatur ta` KDK Limited u dana ai termini tal-Artikoli 289 tal-Kap 386 tal-ligijiet ta`Malta u jigi sostitwit b`likwidatur iehor. Illi Danko Koncar, apparti illi qieghed ihallas l-istralcjarju prezenti, qieghed ihallas ukoll l-avukat tal-intimat, li huwa wkoll l-avukat tieghu, meta dan jaf ben tajjeb illi KDK limited m`ghandha assolutament, u anke fil-prezent, l-ebda assi biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez dovuti fil-proceduri quddiem din il-Qorti sabiex l-unika persuna illi qed taghmel tajjeb ghal kwalunkwe hlas dovuti kemm lil likwidatur kif ukoll mill-assistenza legali li qed tinghata lill-intimati kollha horrox borrox, kollha fl-istess borma huwa Danko Koncar.*

*6. Illi inoltre, u peress illi f`proceduri separati quddiem din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imhallef Anthony Ellul, wiehed mix-xhieda prodott mis-socjeta` KDK limited kif rapprezentata mill-istralcjarju Renald Micallef, ammetta b`mod inekwivoku u minghajr tlaqliq illi Samchrome Limited kien fil-fatt Kreditur ta` KDK limited f`ammonti kbar, u cioe` miljuni ta` Dollari, u dan fis-sena 2010 u inoltre stqarr illi Danko Koncar stess kien qallu illi f`dawk il-proceduri kien konsapevoli tal-ezistenza tal-kreditu dovut, huwa kemmxejn inkredibbli u impossibbli illi Dr. Renald Micallef, kemm bhala Avukat u kemm bhala accountant u awditur, kif ukoll minhabba l-fatt illi huwa kien prezenti bhala intimat f`dawk il-proceduri, Ikompli jinnega l-ezistenza ta` dan il-kreditu dovut, u aghar minn hekk Ikompli jagixxi bhala l-istralcjarju tas-socjeta` izda jinjora kompletament, il-provvedimenti rilevanti tal-Kap. 386 tal-Ligijet ta` Malta, kif fuq spjegat.*

*7. Illi m`hemm l-ebda dubju illi hemm kunflitt ta` interess tal-wahx billi Dr. Renald Micallef, li suppost qed jagixxi indipendentement mid-direttur u l-beneficial owner tal-Kumpannija u li inoltre huwa marbut bis-sigriet professjonali u bl-obbligazzjoni ta` kunfidenzjalita` f`dak kollu li ghandu x`jaqsam mas-socjeta` KDK limited li ghadha fil-process ta` liquidation; li jaf illi l-istess direttur/beneficial owner ta` KDK limited huwa*

*wkoll intimat f`ismu proprju fil-kawza surriferita, u li hemm talba kontra tieghu f`ismu proprju biex ihallas il-kreditu li kien dovut minn KDK limited qabel ma din bdiet process ta` voluntary liquidation, u sahansitra hemm talba ghal-lifting of the corporate veil ta` KDK limited; u aghar minn hekk meta l-intimati kollha fil-kawza imsemmija iktar `l fuq huma rapprezentati mill-istess avukat, u meta kemm l-avukat komuni tal-intimati kollha kif ukoll id-drittijiet professjonali tal-istralcarju Dr. Micallef qedin kollha jithallsu mill-istess but – dak ta` Danko Koncar. Qed jigi sottomess ukoll illi dan il-kunflitt ta` interess imur kontra l-provvedimenti tal-Code of Ethics and Conduct kemm tal-avukati u kemm tal-awdituri u accountants. Kapitolu 5 tal-Code of Ethics of Advocates "conflict of interest, rule 1" jghid :*

*An advocate should not accept instruction to act for two or more clients when there is a **conflict or likelihood of a conflict** between the interests of those clients whether the client is a personal client or a client of the firm or association.*

***Rule 3** jghid illi an advocate must not continue to act for two or more clients where a conflict of interest exists between those clients".*

*8. Illi likwidatur li jigi appuntat mill-beneficial owner ta` socjeta` li di sua sponte tiddeciedi li tmur in likwidazzjoni u wara li tkun iddikjarat b`solennita` illi hija kapaci thallas id-djun kollha taghha filwaqt li tikkonferma bl-istess solenita ilil m`ghandha l-ebda dejn meta taf u kienet ilha taf ghal snin illi kellha dejn ta` miljuni ta` ewro, u dan stante illi kienet giet ngunta permezz ta` zewg ittra legali ta` Bryan Cave biss ftit xhur qabel ma beda il-process ta` stralc volontarju, bl-istess likwidatur mgharraf bl-ezistenza ta` dan id-dejn ghal cirka tmintax il-xahar, huwa certament hati ta` negligenza grossolana u wrong doing, meta dan mhux biss qatt ma sejjah il-creditors meeting immedjatament (forthwith) meta sar jaf bil-kreditu li kellha Samchrome kontra KDK Limited izda lanqas biss segwa l-proceduri kontra tieghu kemm f`ismu proprio u kemm fil-vesti tieghu ta` likwidatur ta` dik is-socjeta, tant illi din in-negligenza tieghu waslet ghall-kontumacja tieghu kemm fil-vesti tieghu ta` likwidatur ta` KDK Limited kif ukoll fil-vesti tieghu personali. Illi ghalhekk ma jista` qatt ikun gustifikat li l-likwidatur jithalla jokkupa l-posizzjoni ta` likwidatur ta` dik is-socjeta` prattikament in flagrante delictu, ghall-perijodu ta` tmintax-il xahar u donnu b`inkejja diretta kontra s-socjeta` esponenti u bil-komplicita u l-assistenza ta` dak li poggieh fil-posizzjoni tieghu ta` likwidatur ta` KDK Limited, l-istess persuna I ghamlet dikkjarazzjoni falza, prruvata llum li hi falza u li ilha hekk ippruvata falza ghal sena u nofs b`din l-istess persuna tkompli tigi mhallsa minn Danko Koncar bid-direzzjoni lilu moghtija b`mod konsistenti biex ikompli ma jwettaqx l-obligazzjoni tieghu skond il-Ligi u ghall-kuntrarju, biex addiritura jikser dawk l-obligazzjonijiet.*

*9. Illi m`hemm l-ebda dubju illi likwidatur huwa obbligat, skond il-ligi, li jinvestiga, indipendentement mill-beneficial owner/direttur li jkun ha d-decizjoni li jpoggi s-socjeta` tieghu fi stralc kif ukoll li jinvestiga b`mod indipendenti kwalunkwe claim li jigi mgharraf bih, kemm qabel kif ukoll waqt il-likwidazzjoni tal-kumpannija b`dan illi ma jista` qatt joqghod biss fuq dak li jghidlu d-direttur tal-kumpannija, kif ghamel u kif ilu konsistentement jaghmel l-intimat.*

*Illi din il-pozizzjoni giet ritenuta fis-sentenza Lay Lay Company Limited vs. Peter Paul Darmanin, deciza minn din l-Onorabbli Qorti, kif preseduta, fis-7 ta` Lulju 2011, citazz numru 715/10 JZM. Illi fil-kaz odjern, l-affarijiet li taw lok ghal din il-vertenza huma bil-bosta aghar minn dawk involuti fil-kaz appena riferit u dana billi :*

*a) L-ewwel likwidatur irrisenjat biss ftit wara li giet appuntata, haga din li kellha tpoggi lil Dr. Renald Micallef fi stat ta` alert u;*

*b) Peress illi fil-kawza li qed tinstema` quddiem l-Imhallef Dr. Anthony Ellul u ndikata izjed il`fuq, kemm Danko Koncar kif ukoll ix-xhud tieghu, certu Maske li kien il-konsulent tas-socjeta` KDK Limited f`dak il-perjodu illi kienet qed issir talba fuq talba sabiex l-ammont dovut in forza tal-credit note ta` izjed minn tlett miljun dollar Amerikan ammettew quddiem l-istess Imhallef illi kien minnu illi kienet qed issir din il-claim pero` Danko Koncar kien, ghal ragunijiet li jafhom hu biss irrifjuta li jhallas l-ammont u ta direzjoni lill-impjegati tieghu fosthom dan Maske li nsistew mieghu li dan l-ammont kien dovut lis-socjeta` esponenti baqa` jordnalhom biex ma jhallsuh xejn. Sfortunatament din ix-xhieda li ghadha kif issemmit u li kienu taw Danko Koncar u s-Sur Maske fil-proceduri msemmija ghadhom sal-lum ma gewx traskritti minkejja l-pressjoni li saret mill-esponenti fuq id-Deputat Registratur tal-Imhallef Ellul biex din titraskrivihom u taghti kopja tal-istess lill-esponenti biex din ix-xhieda tigi allacjata wkoll ma dan ir-rikors baqghu sal-lum mhux f`idejn l-esponenti. Ghal din ir-raguni l-esponenti jirrizerva d-dritt li, appena jigu f`idejh dawn it-transcripts jezebihom b`nota f`dawn il-proceduri.*

*10. Illi inoltre skond l-accounts ta` KDK limited, sal-31 ta` Dicembru 2012, l-imsemmija socjeta` kellha access f`ammont ta` iktar minn 14-il miljun Dollaru American, kif jidher minn dokument G hawn anness, liema assi sparixxew sakemm il-Kumpannija tqieghdet in likwidazzjoni sabiex n-net asset worth tal-kumpannija meta din bdiet il-process ta` voluntary liquidation gie rez zero, u dan meta d-Direttur tal-kumpannija kien ilu snin konsapevoli tal-ezistenza tal-kreditu ta` Samchrome. Illi dan il-fatt wahdu ghandu jinduci, qed jigi sottomess lil din l-Onorabbli Qorti li tilqa` t-talba ghat-tkeccija tal-likwidatur prezenti tas-socjeta` KDK Limited, Dr. Renald Micallef.*

*11. Illi ma jistax ma jergax jigi emfasizat illi Dr. Renald Micallef mhux biss naqas milli jaghmel investigazzjoni indipendenti tal-kumpannija KDK limited, izda li sahansitra qed juza l-istess avukat, qed jithallas u jiskambja informazzjoni mal-istess persuna li kontra tieghu l-kumpannija jista` jkollha claims ai termini tal-artikoli 303, 307 um 308 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*12. Illi hemm bzonn u dana b`mod l-izjed urgenti li ssir investigazzjoni indipendenti fl-affarijiet tal-kumpannija u tal-atti u/jew ommissjonijiet abbuzivi u illegali li wettaq Danko Koncar u li possibilment wettaq il-likwidatur. In oltre l-likwidatur li qed jigi nvesitgat ghal negligenza jew ghax mexa hazin fit-twettiq tal-kariga tieghu ta` likwidatur; meta wkoll jidher car illi l-istess likwidatur jidher li qajla jimpurtah mill-kunflitt ta` interess li ghandu m`ghandu qatt jithalla jinvestiga lilu nnifsu u ghalhekk li jithalla jibqa` likwidatur ta` din is-socjeta`. Izjed ma tibqa` tissustissi din is-sitwazzjoni anomala, izjed ser ikun difficli biex wiehed jiskopri x`sar minnhom l-assi tas-socjeta` KDK Limited li kienu jezistu qabel ma din marret fi stralc kif ser ikun daqstant izjed difficli, jekk l-affarijiet jibqghu ma jinbidlux illi l-ammont dovut lis-socjeta` esponenti jigi rikoverat mid-direttur/beneficial owner responsabbli ghal dan il-hlas u mill-istess likwidatur prezenti, in toto jew in parte u skond kif ghad irrid jigi deciz minn dawn il-Qrati.*

*13. Illi fl-ahhar nett, l-esponenti jaghmel riferiment gahd-decizjoni moghtija minn din l-Onrabbli Qorti, kif preseduta, fil-kawza fl-ismijiet AX Holdings Limited et vs. Registratur tal-Kumpanniji Citaz Nru 780/2014, Fl-24 ta`Marzu 2014, meta din il-Qorti stqarret kif gej :*

*"In-nuqqas tal-istralcjarju huwa sanzjonat bl-Art 312 tal-Kap 386 meta dan inter alia jirreferi ghal cirkostanza fejn waqt l-istralc ta` kumpannija sew jekk bil-qorti jew volontarjament ikun jidher li persuna li ... kienet tagixxi bhala stralcjarju talkumpannija ... kienet hatja ta` ... ksur ta` dmir dwar il-kumpannija.*

*"Il-Qorti tirrileva li l-istralcjarju ghandu funzjonijiet, setghat u allura responsabilitajiet kbar. Mhux kulhadd huwa eligibbli biex ikun stralcjarju (ara l-Art 305 tal-Kap 386). Il-persuna li taccetta l-hatra, specjalment fi stralc volontarju bhal ma kien dak tal-lum, non puo` lasciare niente al caso izda ghandha turi kawtela, tkun vigilanti – mohhu hemm, kif ighid il-Malti"*

*14. Fl-ahhar nett u forsi din hija dak li l-Inglizi jsibuha bhala "the cherry on the cake" huwa l-fatt li gie skopert ftit ilu mis-socjeta` rikorrenti u li ghandu allura jwassal biex jitkecca mill-posizzjoni prezenti tieghu, l-likwidatur Dr. Renald Micallef, illi Danko Koncar, kien permezz ta` sentenza*

*moghtija mill-Qorti Kriminali tad-distrett ta` Zagreb fis-7 ta` Ottubru 1997, misjub hati ta` misapproprjazzjoni kemm f`ammont li jeccedi 100,000 Dinar izda wkoll u f`akkuza separata instab hati " ... of having expropriated a further amount of 524/723.65 Libyan Dinar equivalent to a total amount of 80,000 Dutch Guilders by abusing his position of trust. After being found guilty of these two criminal acts and embezzled the amount indicated supra he was imprisoned for a total a period of 18 years besides also being banned from working in managerial positions in economy for the duration of six years and also ordered to cover criminal procedure costs in the amount of 44557.85 Dinars.*

*Ghalkemm fl-istess att ta` akkuza li pemess taghha l-intimat kien instab hati tal-ewwel zewg akkuzi kontra tieghu u kkundannat ghal habs u ghall-multa kif imsemmi izjed il-fuq, Danko Koncar kien gie wkoll akkuzat taht zewg kapijiet ta` akkuzi ohra fuq frodi u misapproprjazzjoni, huwa ma kienx instab hati fuq dawn l-ahhar zewg akkuzi. Kopja ta` din is-sentenza qed tigi hawn annessa u mmarkata **DOKUMENT H**.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess u ta` ragunijiet ohra li l-esponenti minn issa jirrizerva li jgib a konjizzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti fil-mument opportun, jitlob bir-rispett lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta`Malta, u ghar-ragunijiet ohra imsemmija fil-Kap. 386 tal-Ligjijiet ta`Malta, hija twarrab lill-intimat propio et nomine mill-posizzjoni ta` stralcjarju ta` KDK Limited li sal-lum ghadu jokkupa u tappunta minfloku lill-accountant u awditur Kris Borg jew kwalunkwe stralcjarju iehor li din il-Qorti jidhrilHa xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat proprio et nomine.*

Rat l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta pprezentata fid-19 ta` Gunju 2015 li taqra hekk :–

***I.*** *ILLI, in linea preliminari, l-esponent, f`ismu proprju, m`huwiex il-legittimu kontradittur tat-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promotorju tieghu, u ghaldaqstant l-istess esponent, f`ismu proprju, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

***II.*** *ILLI, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent m`ghandux l-interess guridiku rikjest mill-ligi sabiex iressaq it-talba kif dedotta fir-rikors promutorju tieghu billi l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) ghadu mhux maghruf, u konsegwentement l-istess rikorrent ma jikkwalifikax bhala kreditur ta` KDK Limited (C 35840) ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 289 tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta), u ghalhekk it-talba tal-istess rikorrent timmerita li tigi michudha, bl-ispejjez kontra tieghu.*

***III.*** *ILLI, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promutorju tieghu hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement timmerita li tigi michudha, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent, u dan, fost ohrajn, ghas-segwenti ragunijiet :*

***(i)*** *Permezz ta` Rizoluzzjoni ta` Xoljiment u Stralc Volontarju Konsegwenzjali, datata 31 ta` Dicembru 2013 (**DOK: RM1**), il-kumpannija KDK Limited, fuq l-istruzzjonijiet tad-Direttur taghha Dr. Danko Koncar, tpoggiet fi stralc, u, konsegwentement, fl-istess data tal-31 ta` Dicembru 2013, giet mahtura Donatella Bondin bhala stralcarja ta` KDK Limited skond il-ligi (**DOK: RM2**), sabiex twettaq dak illi, sa dan l-istadju, kien jidher illi kellu jkun ezercizzju relattivament semplici ta` Stralc Volontarju tal-Membri tal-kumpannija, li kellu finalment jwassal sabiex isem l-istess kumpannija jigi mhassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji;*

*Fl-istess data tal-31 ta` Dicembru 2013, saret ukoll id-debita Dikjarazzjoni ta` Solvenza (**DOK: RM3**) mill-istess Dr. Danko Koncar, li kienet akkompanjata wkoll minn Dikjarazzjoni tal-Qaghda Finanzjarja tal-Kumpannija (**DOK: RM4**), li kienet tindika li KDK Limited kellha, fid-data msemmija, Kapital Azzjonarju ta` elfejn dollaru Amerikan ($2,000) u Telf fl-istess ammont;*

*Sussegwentement, u cjoe` nhar it-22 ta` Jannar 2014, Samchrome Fze ipprezentat kawza kontra KDK Limited (**DOK: RM5**) quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha hija talbet, fost ohrajn, illi KDK Limited tigi kkundannata thallasha s-somma ta` cirka tlett miljuni u sitt mitt elf Ewro (€3,600,000);*

*Nhar it-3 ta` Frar 2014, Donatella Bondin irrizenjat mill-kariga taghha ta` stralcarja ta` KDK Limited (**DOK: RM6**) u, minnflok, gie mahtur l-esponent bhala stralcarju skond il-ligi (**DOK: RM7**);*

*KDK Limited ikkontestat il-kawza hawn fuq imsemmija (**DOK: RM8**), fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014), liema kawza ghadha pendenti sal-gurnata tallum, u tinstab differita ghal nhar it-23 t`Ottubru 2015 sabiex issir it-trattazzjoni finali tal-kontendenti dwar l-eccezzjonijiet preliminari li gew sollevati mill-istess KDK Limited;*

***(ii)*** *Ghalhekk, fil-mument tal-hatra tieghu bhala stralcarju ta` KDK Limited, l-esponent sab lil din il-kumpannija - mad-daqqa t`ghajn - fl-istess sitwazzjoni finanzjarja ghal dik li kienet sabet Donatella Bondin nhar il-31 ta` Dicembru 2013, ossija kumpannija b`Kapital Azzjonarju ta` elfejn dollaru Amerikan ($2,000) u Telf fl-istess ammont, u dan flimkien ma` kawza pendenti l-Qorti kontra taghha, li kienet ser tigi kkontestata, ghall-ammont ta` cirka €3,600,000.00;*

*F`dawn ic-cirkostanzi, l-esponent hass illi l-obbligi principali tieghu bhala stralcarju ta` KDK Limited kienu tnejn, ossija li jaghmel il-verifiki necessari dwar id-Dikjarazzjoni tal-Qaghda Finanzjarja tal-kumpannija li kienet gie sottomessa nhar il-31 ta` Dicembru 2013, u li jistenna d-direzzjoni tal-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili, ossija li jistenna l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) - liema ezitu, necessarjament, ser jiddetermina jekk il-kreditu vantat minn Samchrome Fze jezisti jew le - u dan qabel ma huwa jkun jista` jagixxi ulterjorment;*

*Madanakollu, kjarament, din ma kienitx posizzjoni accettabbli ghal Samchrome Fze;*

***(iii)*** *Effettivament, u fic-cirkostanzi hawn fuq spjegati, Samchrome Fzeipprezentat kawza ohra quddiem il-Prim` Awla tal-Qorti Civili (**DOK: RM9**) fl-ismijiet Samchrome Fze. vs. Danko Koncar et (842/2014) kontra l-imsemmi Dr. Danko Konkar personalment, kontra l-istess esponent, kemm fil-kapacita` tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited u anke f`ismu proprju, u sahansitra kontra Donatella Bondin, fil-kapacita` taghha ta` stralcarja precedenti ta` KDK Limited, u anke f`isimha proprju, li permezz taghha l-istess Samchrome Fze talbet lill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili sabiex tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti kollha f`dik l-istanza kienu mhux biss responsabbli ghall-hlas tas-somma msemmija ta` €3,600,000.00, oltre imghaxijiet ulterjuri, izda, addirittura, ghad-danni kollha li l-istess Samchrome Fze kienet allegatament sofriet bl-agir tal-istess konvenuti;*

*Dr. Danko Konkar u Donatella Bondin ikkontestaw it-talbiet ta` Samchrome Fze kif dedotti f`din il-kawza (**DOK: RM10**), filwaqt illi l-esponent, fil-kapacita` tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited, u f`ismu personali, ghandu appell pendenti quddiem il-Qorti ta` l-Appell (sede superjuri) (**DOK: RM11**) sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, ghar-ragunijiet hemm imfissra;*

*Il-premessi li abbazi taghhom Samchrome Fze qed tittenta zzomm lil Dr. Danko Koncar u lil KDK Limited responsabbli kif inghad huma Kummerc Hazin u Negozju Frawdolenti, filwaqt illi l-premessi li abbazi taghhom l-istess Samchrome Fze qed tittenta zzomm lill-esponent, fil-kapacita` tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited, u f`ismu personali, u lil Donatella Bondin, fil-kapacita` taghha ta` stralcarja precedenti ta` KDK Limited, u f`ismha proprju, responsabbli ghall-istess, ossija ghall-hlas tal-ammont ta` €3,600,000.00, oltre imghaxijiet ulterjuri, u tad-danni allegatament sofferti mill-istess Samchrome Fze, huma principalment tnejn, ossija :*

***A.*** *"Illi inoltre, l-istralcarji tas-socjeta` KDK Limited, ukoll intimati f`din il-kawza, u li ffirmaw jew ikkontrofirmaw id-dikjarazzjoni ta` solvibilita/solvenza maghmula minn Danko Koncar, u li kienu jew ghadhom jagixxu bhala stralcarji tal-istess socjeta` u ghalhekk kellhom, u ghad ghandhom, l-obbligu statutorju li jassiguraw l-awtenticita` tad-dikjarazzjoni ta` solvenza maghmula mid-direttur u li tal-inqas jassiguraw illi l-krediti maghrufa versu s-socjeta` KDK Limited jigu ssalvagwardjati, kisru l-obbligazzjonijiet taghhom naxxenti mid-disposizzjonijet tal-Artikolu 265 et seq tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta u ghalhekk, ai termini tal-istess disposizzjonijiet ghandhom jigu kkunsidrati personalment responsabbli flimkien in solidum mas-socjeta` KDK Limited u ma` Danko Koncar personalment [...]";*

***B.*** *"Illi fl-ahhar nett, l-istralcarju kurrenti, l-intimat Dr. Renald Micallef, ghadu sal-lum ma sejjahx laqgha tal-kredituri meta s-socjeta` KDK Limited ilha ghaddejja minn proceduri ta` likwidazzjoni ghal circa tmien xhur, u meta, ai termini tal-Artikolu 272 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta` Malta ghandu l-obbligu li "minnufih" isejjah din il-laqgha jekk huwa jkun tal-fehma li l-kumpannija mhux ser tkun tista` thallas lill-kredituri taghha fiz-zmien imsemmi fid-dikjarazzjoni ta` solvenza".*

*Fil-fehma umli tal-esponent, l-ewwel premessa hawn fuq indikata hija kjarament zbaljata billi l-esponent qatt ma "ffirma" jew "ikkontrofirma" d-Dikjarazzjoni ta` Solvenza hawn fuq imsemmija. L-esponent qatt ma kellu l-obbligu, skond il-ligi, li jiffirma, jew li jikkontrofirma, din id-dikjarazzjoni, izda kellu l-obbligu biss illi jaghmel il-verifiki necessarji dwar l-informazzjoni li giet mghoddija lilu mid-Direttur tal-kumpannija KDK Limited, inkluz fid-Dikjarazzjoni tal-Qaghda Finanzjarja tal-Kumpannija hawn fuq imsemmija, sabiex jistabbilixxi li din l-informazzjoni kienet, fil-mument li inghatat, informazzjoni vera u kompluta. F`dawn ic-cirkostanzi, pero`, zgur illi l-esponent ma jistax jigi mgieghel iwiegeb ghal dak li seta` wassal sabiex KDK Limited spiccat f`tali Qaghda Finanzjarja qabel il-hatra tieghu;*

*Fil-fehma umli tal-esponent, anke t-tieni premessa hawn fuq msemmija hija zbaljata billi l-esponent ma jista` qatt, f`cirkostanzi fejn l-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili ghadha ma ddecidietx il-kawza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014), jiddeciedi huwa stess illi KDK Limited "mhux se tkun tista` thallas id-djun taghha" skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 272 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, kif pretiz minn Samchrome Fze. F`dan ir-rigward, l-esponent ihoss illi, jekk kellu jaghmel hekk, huwa mhux biss ikun qieghed jissostitwixxi l-gudizzju savju u superjuri tal-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili bil-gudizzju tieghu stess, izda jkun qieghed ukoll jippregudika l-posizzjoni ta` KDK Limited f`dik il-kawza, b`mod irrimedjabbli, billi, f`isem l-istess KDK Limited, ikun qieghed, effettivament, jirrikonoxxi l-kreditu ta` Samchrome Fze;*

***(iv)*** *Ir-rikors promutorju odjern tar-rikorrent, li permezz tieghu l-istess rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tnehhi lill-esponent mill-kariga tieghu ta` stralcarju, huwa bbazat fuq premessi simili ghal dawk hawn fuq citati li, konsegwentement, huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, ossija:*

***A.*** *Il-premessi kif dedotti fl-ewwel paragrafu tar-rikors promutorju tar-rikorrent m`humiex kontestati;*

***B.*** *L-esponent, madanakollu, m`ghandu l-ebda obbligu li jsejjah Laqgha tal-Kredituri, skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 265, 272 u 315 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, kif pretiz mir-rikorrent fit-tieni paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

*Effettivament, l-Artikolu 265 hawn fuq imsemmi jittratta l-obbligu ta` kumpannija li tissottometti Rizoluzzjoni ta` Xoljiment u Stralc Volontarju Konsegwenzjali - li, kif hawn fuq spjegat, gja` saret minn KDK Limited - u ghalhekk ma jittrattax xi obbligu tal-esponent li jissejjah Laqgha tal-Kredituri kif pretiz mir-rikorrent;*

*Minn naha l-ohra, filwaqt illi l-Artikolu 272 hawn fuq imsemmi jista` jaghti lok li stralcarju jsejjah Laqgha tal-Kredituri, l-esponent ma jista` qatt, kif gja` inghad, jiddeciedi huwa stess illi KDK Limited "mhux se tkun tista` thallas id-djun taghha" fiz-zmien li gie indikat fir-Rizoluzzjoni ta` Xoljiment u Stralc Volontarju Konsegwenzjali, f`cirkostanzi fejn id-dejn allegat jifforma l-meritu tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) li ghada pendenti sal-gurnata tallum;*

*L-Artikolu 315 hawn fuq imsemmi, minn naha l-ohra, jittratta Kummerc bi Frodi u mhux xi obbligu tal-esponent li jissejjah Laqgha tal-Kredituri, kif pretiz mir-rikorrent. F`dan ir-rigward, l-esponent jirrileva umilment illi, anke f`dan il-kaz, huwa ghazel illi, l-ewwel u qabel kollox, jistenna l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) sabiex ikun jaf jekk il-kreditu allegat jezistix jew le, anke ghaliex, naturalment, qatt ma tista` tissussisti l-allegazjoni ta` Kummerc bi Frodi f`kaz illi jigi deciz mill-Onorabbli Prim` Awla tal-Qorti Civili li tali kreditu ma jezistix. Minghajr pregudizzju ghal dan, l-esponent umilment jirrileva illi, fi kwalunkwe kaz, kwalsiasi obbligu li huwa seta` talvolta kellu skond id-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu gie sorvolat bil-prezentata tal-kawza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet Samchrome Fze. vs. Danko Koncar et (842/2014) li permezz taghha Samchrome Fze qed tallega, proprju, li sehh Kummerc bi Frodi;*

***C.*** *L-esponent jemmen ukoll illi m`huwiex minnu illi huwa naqas milli jiddefendi lil KDK Limited, u lilu personalment, fil-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze. vs. Danko Koncar et (842/2014) minhabba negligenza jew nuqqas ta` interess, kif allegat mir-rikorrent fit-tielet paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, u dan kif jixhed ir-rikors ta` l-appell tal-istess esponent, gja` esebit bhala DOK: I, u kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

***D.*** *L-esponent ma kisirx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 273 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, kif allegat fir-raba` paragrafu tar-rikors promutorju tar-rikorrent, meta huwa naqas milli jsejjah Laqgha tal-Kredituri, u dan billi d-disposizzjonijiet ta` dan l-Artikolu jittrattaw l-obbligu li l-esponent isejjah Laqgha Generali, meta l-istralc idum iktar minn tnax-il xahar, u mhux Laqgha tal-Kredituri;*

***E.*** *L-esponent m`ghandu l-ebda kunflitt ta` interess, kif allegat mir-rikorrent fil-hames paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, u dan anke tenut kont tal-fatt illi l-kumpannija KDK Limited kienet u ghadha ghaddeja minn Stralc Volontarju tal-Membri u mhux minn xi tip ta` Stralc iehor kif kontemplat taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

***F.*** *Ghal dak li jirrigwarda l-premessi li gew dedotti fis-sitt paragrafu tar-rikors promutorju tar-rikorrent, l-esponent umilment jirrileva li huwa ma jhossx illi huwa ghandu jiggudika - kif qieghed jaghmel l-istess rikorrent - dak illi qalu x-xhieda li gew prodotti sa issa fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014), izda, minflok, ghandu jistenna l-gudizzju savju u superjuri tal-Qorti fir-rigward, ossija s-sentenza*

*finali li ser tistabbilixxi jekk il-kreditu vantat minn Samchrome Fze jezistix jew le;*

***G.*** *M`huwiex minnu illi l-esponent ghandu kunflitt ta` interess ulterjuri, kif allegat mir-rikorrent fis-seba` paragragu tar-rikors promutorju tieghu, semplicement ghaliex huwa assistit mill-istess Avukat ta` Dr. Danko Koncar, ta` KDK Limited, u ta` Donatella Bondin, u dan kemm tenut kont tal-fatt illi l-posizzjoni li hadu l-imsemmija persuni fil-kawzi pendenti, inkluz dik hawn fuq imsemmija fl-ismijiet Samchrome Fze. vs. Danko Koncar et (842/2014), m`humiex konfliggenti kif allegat mir-rikorrent, u anke ghaliex, jerga` jinghad, il-kumpannija KDK Limited kienet u ghadha ghaddeja minn Stralc Volontarju tal-Membri u mhux minn xi tip ta` Stralc iehor kif kontemplat taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

***H.*** *It-tmien paragrafu tar-rikors promutorju tar-rikorrent ma jikkontjeni xejn aktar, fil-fehema umli tal-esponent, minn konspirazzjonijiet. L-allegazzjoni li l-esponent, bl-obbligi statutorji kollha imposti fuqu, qieghed jagixxi b`inkejja lejn Samchrome Fze hija biss fl-immaginazzjoni tal-istess rikorrent. Minn nahha l-ohra, u dejjem fil-fehma umli tal-istess esponent, Samchrome Fze ma tistax tiddikjara li, bhala fatt, hija kreditrici ta` KDK Limited, u li d-Dikjarazzjoni ta` Solvenza hawn fuq imsemmija hija, bhala fatt, falza, ghaliex il-kawzi fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) u Samchrome Fze vs. Danko Koncar et (842/2014) ghadhom pendenti sal-gurnata tallum. Tali "fatti", fil-fehma umli tal-esponent, jistghu jigu stabbiliti biss minn din l-Onorabbli Qorti, u mhux mir-rikorrent jew mill-esponent;*

***I.*** *Fir-rigward ta` dak li inghad fid-disa` paragrafu tar-rikors promutorju tar-rikorrent, l-esponent jerga` jirrileva umilment illi huwa ma jhossx illi huwa ghandu jiggudika - kif qieghed jaghmel l-istess rikorrent - dak illi qalu x-xhieda li gew prodotti sa issa fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014), izda, minflok, ghandu jistenna l-gudizzju savju u superjuri tal-Qorti fir-rigward, ossija s-sentenza finali li ser tistabbilixxi jekk il-kreditu vantat minn Samchrome Fze jezistix jew le;*

***J.*** *L-esponent sincerament ma jistax jifhem kif, u abbazi ta` liema disposizzjoni tal-ligi, r-rikorrent qieghed jippretendi, fl-ghaxar paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, li l-istess esponent jitnehha mill-kariga tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited ghaliex, skond l-istess rikorrent, l-assi tal-istess KDK Limited sparixxew qabel ma din tpoggiet fi Stralc Volontarju tal-Membri, ossija qabel ma l-esponent gie mahtur bhala stralcarju;*

***K.*** *L-esponent jichad kategorikament li huwa naqas milli jaghmel investigazzjoni indipendenti dwar KDK Limited, kif allegat mir-rikorrent fil-hdax u fit-tnax-il paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, jew illi ghandu xi kunflitt ta` interess, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

***L.*** *Bl-istess mod, l-esponent sincerament ma jistax jifhem kif, u abbazi ta` liema disposizzjoni tal-ligi, r-rikorrent qieghed jippretendi, fit-tlettax-il paragrafu tar-rikors promutorju tieghu, illi l-esponent ghandu jitnehha mill-kariga tieghu ta` stralcarju ta` KDK Limited ghaliex Dr. Danko Koncar kien, madwar erbghin (40) sena ilu, instab hati ta` mill-Qorti Distrettwali ta` Zagreb, qabel il-waqa` tal-Unjoni Sovjetika, ta` misapproprijazzjoni;*

*Ghalkemm dan, certament, huwa ta` interess ghall-esponent - tant illi l-istess esponent gja` beda jaghmel il-verifiki necessarji, u ottjena wkoll id-dokumenti hawn annessi fir-rigward (**DOK: RM12** u **DOK: RM13**) - l-istess esponent ma jemminx li dan il-fatt huwa wiehed determinanti ghat-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-rikors promutorju tieghu;*

***(v)*** *L-esponent umilment jemmen illi dak pretiz mir-rikorrent huwa perikoluz u, addirittura, illegali. Kjarament, l-ilment principali tar-rikorrent huwa li l-esponent ma sejjahx Laqgha tal-Kredituri skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 272 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta. L-iskop ewlieni tar-rikorrent li jitlob illi ssir tali Laqgha huwa, fil-fehma umli tal-esponent, sabiex l-istess rikorrent jibda jikkwalifika bhala l-unika kreditur ta` KDK Limited, u konsegwentment ikun jista` jressaq rizoluzzjoni ghas-sostituzzjoni tal-esponent bi stralcarju iehor tal-ghazla tal-istess rikorrent. Dan ikun, fil-fehma umli tal-esponent, kjarament inaccettabbli, specjalment tenut kont tal-fatt illi KDK Limited qieghdha, proprju, tiddefendi kawza li saret kontra taghha mill-istess rikorrent, u ghalhekk ma ghandha qatt tithalla tigi rapprezentata u tiehu struzzjonijiet minghand persuna li tigi mahtura mill-istess rikorrent ghal dan l-iskop, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta` dan ir-rikors;*

***(vi)*** *Il-mod kif agixxa l-esponent sal-gurnata tallum ma kkawza l-ebda pregudizzju lir-rikorrent, tant illi l-istess esponent umilment jemmen illi, jekk kemm il-darba din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa` t-talba tal-istess rikorrent kif dedotta fir-rikors promutorju tieghu, u konsegwentement tordna s-sostituzzjoni tal-esponent bi stralcarju iehor ghall-kumpannija KDK Limited, tali stralcarju jkollu kompli jagixxi kif agixxa l-istess esponent sal-gurnata tallum, ossija jkollu jkompli jistenna d-direzzjoni ta` din l-istess*

*Onorabbli Qorti, ossija jistenna l-ezitu definittiv tal-kawza fl-ismijiet Samchrome Fze vs. KDK Limited (55/2014) sabiex ikun jaf jekk il-kreditu allegat minn Samchrome Fze huwiex wiehed rejali jew le, qabel ikun jista` jagixxi ulterjorment;*

***IV.*** *SALV risposti ulterjuri permessi mil-ligi.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat il-provvediment li tat fl-udjenza tal-14 ta` Novembru 2016 fejn akkordat it-talba tal-partijiet sabiex il-provi li nstemghu fil-kawzi Rik. Gur. Nru. 55/14 JZM u Rik. Gur. Nru. 842/14 JZM jikkostitwixxu prova ghall-fini ta` din il-kawza wkoll.

Rat il-provi li tressqu fiz-zewg kawzi l-ohra.

Rat illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-Awditur David Marinelli** xehed illi huwa jiehu hsieb l-*audits* ta` KDK Limited ("**KDK**").

L-ewwel *financial statements* li ghamel kienu tas-sena li taghlaq 30 ta` Gunnu 2006 u ta` l-ahhar wiehed dawk tal-31 ta` Dicembru 2013.

Qal li l-kumpannija qeghda tigi stralcjata skont informazzjoni li ghaddielu d-direttur Danko Koncar ("**Koncar**"). Il-process ta` likwidazzjoni tal-kumpannija beda fl-ahhar tal-2013. L-ahhar *audit* tieghu sar wara li ghalaq it-terminu tal-31 ta` Dicembru 2013. L-*audit* tlesta bejn il-31 ta`

Dicembru 2013 u t-3 ta` Settembru 2014 li hija d-data tad-*directors` report* u ta` l-*liquidator` s report.*

Ikkonferma li huwa jaf lill-konvenut Dr Renald Micallef ("**<u>Dr. Micallef</u>**").

Spjega li Koncar kien talbu jissuggerixxi stralcjarju. Huwa ndika l-ismijiet ta` tliet persuni u halla l-ghazla ghal Koncar.

Qal li l-komunikazzjoni skambjata ma` Dr. Micallef sehhet meta nqala` il-kaz mertu ta` din il-kawza.

Fisser illi hemm nota fl-*accounts* dwar *contingent liability* kif ukoll sar *a modified audit report* fil-*financial statements* biex jirrifletti l-possibilita` ta` *liability.* Il-kwistjoni kienet ta` interess professjonali ghalih minhabba li huwa qed jiehu hsieb l-*audits.* Ir-riserva saret fil-*financial statements* tal-2013.

Stqarr illi ma kienx sorpriz li l-kumpannija ser tigi stralcjata peress li kien naqas in-negozju.

Ippreciza li l-*liability* harget wara li saru l-*accounts* tal-2012 u qabel saru dawk tal-2013.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, xehed illi n-negozju ta` KDK kien inbiegh. Il-*balance sheet* taghha nizlet wara dak il-bejgh.

Stqarr illi qabel saret din il-kawza, l-ammont ta` EUR 4,000,000 qatt ma dehru fil-kotba ta` KDK.

**<u>Il-konvenuta Donatella Bondin</u>** xehdet illi hija awditur u taghmel xoghol ta` *subcontracting* mad-ditta Busuttil & Micallef.

Xehdet illi kienet mahtura bhala stralcjarju ta` KDK.

Ghamlet il-proceduri kollha relatati ma` *due diligence.*

Inghatat *statement of affairs* sal-31 ta` Dicembru 2013, ossija dikjarazzjoni min-naha tad-diretturi dwar il-figuri finali, fejn irrizulta li si trattava ta` semplici *paper liquidation*.

Qalet li wara li kienet appuntata likwidatur, saret taf bil-kawza tal-lum u hadet id-decizjoni li tirrizenja. Ghamlet hekk ghaliex ma riditx toqghod tidhol il-Qorti. Kienet hasbet li l-likwidazzjoni kienet ser tkun wahda semplici. Saret taf illi l-kawza kienet dwar pretensjoni ta` kreditur li allega li kellu jithallas ammont ta` flus.

Imliet il-formola ta` r-rizenja u pprezentatha lir-Registratur tal-Kumpanniji u nfurmat lil Koncar bid-decizjoni taghha.

Ikkonfermat li hija haditha *for granted* li d-dikjarazzjoni ta` solvenza li ghamel Koncar kienet saret *in good faith.*

Stqarret illi nkwetat ruhha meta hasbet li kienet sejra tigi tigi assocjata ma` persuna li filli ighid illi m`ghandux dejn u filli tidhol pretensjoni kontra tieghu li kienu dovuti €4,000,000.

In **kontroezami** stqarr illi l-kawza dwar il-kreditu kienet prezentata wara li KDK marret ghall-istralc. Ikkonfermat li ma kien hemm xejn mohbi minnha.

Fissret illi damet stralcjarju ghal madwar tlieta jew erba` gimghat wara l-31 ta` Dicembru 2013. Ma kienx hemm assi fl-*statement of affairs* li nghatat. Kull ma kellha f`idejha kien dan l-*statement of affairs*. Qalet li hija qatt ma ffirmat dikjarazzjoni ta` solvenza. Id-dikjarazzjoni saret u kienet iffirmata minn Koncar.

**Av. Dr. Kenneth Grima** xehed illi l-kawza bin-Nru 55/2014 saret meta Samchrome FZE ("**ir-rikorrenti**") ma kellhiex idea li KDK kienet granet qabel marret fi stralc volontarju.

Xehed illi Samchrome kienet ilha tippressa lil KDK ghall-hlas ta` USD 3,772,731.55 oltre l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess ghal snin twal permezz ta` diversi emails u telefonati.

Qal illi KDK kienet taf bl-ezistenza ta` dan id-debitu ghal zmien twil qabel marret ghal stralc volontarju.

Stqarr illi KDK kienet ufficjalment interpellata mir-rikorrenti biex thallas l-ammont ta` *rebate* dovut minn KDK lir-rikorrenti.

Ipprezenta korrisprondenza. *Inter alia* kien hemm ittra fejn KDK iddikjarat illi : *"If we were liable for the relevant rebate we would have expected to receive a demand from ArchelorMittel. We have received no such demand."*

Saret referenza ghal aktar korrispondenza fejn KDK kienet inghatat l-informazzjoni mitluba dwar dan ir-*rebate* kif ukoll korrispondenza fejn KDK kienet mitluba tittrasferixxi l-flus minghajr dewmien.

Xehed illi KDK kienet konxja ta` dan id-dejn kontra taghha. Ghalhekk kien agir b`qerq dak ta` Koncar li jiddeciedi li jxolji KDK.

Stqarr illi qabel ma tpoggiet fi stralc volontarju, u ftit xhur wara li rceviet l-ittri interpellatorji. KDK kellha assi ta` madwar EUR 14-il miljun..

Qal li l-ezistenza ta` r-*rebate* giet ikkonfermata minn Koncar meta xehed fil-kawza Nru. 55/2014 fejn ammetta li kien sar jaf b`dik il-pretensjoni fl-2010 jew l-2011. L-istess kien ikkonfermat minn Kurt Maske.

Stqarr illi l-uniku skop li kellu Koncar bhala l-uniku direttur u azzjonista ta` KDK li jistralcja lil KDK kien sabiex fil-kaz li ssir kawza kontra KDK dwar ir-*rebate,* ma jkunx hemm assi li fuqhom tkun tista` tigi ezegwita s-sentenza.

Sahaq illi kien edott b`dawn il-fatti anke Dr Micallef.

Xehed illi Dr Micallef sar likwidatur wara li l-ewwel likwidatur kienet irrizenjat meta saret taf bid-dikjarazzjoni falza li kien ghamel Koncar.

Sostna li Dr Micallef baqa` ma ghamel xejn biex jindaga dwar id-debitu dovut minn KDK lir-rikorrenti ; lanqas wara li dan il-fatt hareg mill-audit.

Fil-**kontroezami** xehed illi l-involviment tieghu beda f`Settembru jew Ottubru tal-2013.

Qal illi d-dokumenti li jipprecedu z-zmien li fih huwa gie nvolut, inghataw lilu bhala dokumenti mill-klijent.

Stqarr illi l-*credit note* in kwistjoni li harget ir-rikorrenti ma kenitx iffirmata u ma kienx hu li pprezentaha.

Sostna li Koncar dejjem kien jghid li jrid jinghata prova li huwa ghandu jaghti dawn il-flejjes u li jekk huwa ghandu jaghti, semmai ghandu jaghti hlas lil Arcelor.

Xehed li Koncar qatt ma ghamel ammissjoni diretta dwar id-debitu, izda l-impjegati tieghu kollha qalu li dawn l-ammonti jirrizultaw fl-accounts antiki.

Ikkonferma li meta Dr. Micallef sar stralcjarju fit-3 ta` Frar 2014, ma sab ebda assi fil-kumpannija. Sab biss EUR 2,000 *share capital.*

Sostna li l-kawza saret kontra l-likwidatur peress li skont il-ligi, meta likwidatur ma jaghmilx xoghlu, il-Qorti tista` ssibu hati personalment. Ghal sentejn, il-likwidatur ma ghamel xejn. La qatt ghamel *creditors` meeting* jew xi indagni dwar dan il-kreditu pretiz. Il-likwidatur kellu l-obbligu li jissalvagwardja l-interessi tal-kredituri, tenut kont illi l-kreditu ta` r-rikorrenti ma kienx imnizzel fl-*accounts.*

Stqarr li Dr. Micallef qatt ma cempel lilu jew lill-avukat Ingliz. Qatt ma kkomunika ma` r-rikorrenti dwar il-pretensjoni. Minkejja li l-pendenza ta` r-rikorrenti kienet quddiem il-qorti, il-likwidatur kellu jindaga ghalfejn saret dikjarazzjoni falza mid-direttur ta` KDK. Baqa` ma ndagax jekk KDK ghandhiex aktar kredituri. Thallew hames snin sa ma saret il-kawza peress li qabel kienet ghaddejja korrispondenza.

Sahaq illi Koncar qatt ma ammetta direttament l-ezistenza ta` d-debitu izda nies li kienu qrib tieghu kienu kkonfermaw id-debitu.

Qal illi Koncar huwa l-*beneficial owner* ta` KDK.

Fisser illi li l-uniku mod kif ir-rikorrenti tista` tithallas huwa jekk il-Qorti ssib responsabbilita` personali.

Spjega li meta saret l-ewwel kawza, huwa ma kienx jaf li l-kumpannija kienet qeghda tigi stralcjata. Meta nstab li kien hemm agir frawdolenti, ir-rikorrenti mexxiet b`azzjoni anke kontra l-likwidatur.

Huwa cahad li Koncar kien stqarr illi jekk il-kreditu jirrizulta li jkun dovut, allura kien lest jaghmel tajjeb ghalih hu.

Irrefera ghall-*credit note.* Fiha hemm imnizzel ir-rikorrenti. Qal li ma jafx min harigha izda cahad li din harget minn BHP Billiton fi zmien meta huma ma kinux ghadhom jagixxu bhala agenti ta` KDK imma kienu bdew jagixxu bhala agenti ta` r-rikorrenti.

Stqarr illi r-rikorrenti tqis bhala valida l-garanzija li nghatat fil-mori tal-kawza. Ikunx bizzejjed l-ammont kopert bil-garanzija jiddependi minn kemm il-kawza tiehu zmien biex tigi deciza finalment.

**Av. Dr. Renald Micallef** xehed li sema` l-ewwel darba b`KDK Limited f`Jannar/Frar 2014. Kien kellmu David Busuttil (li huwa l-partner tieghu fl-*audit firm* Busuttil & Micallef) illi l-awditur David Marinelli kien ippropona lilhom sabiex jiehdu hsieb l-istralc ta` KDK. Kien infurmat li kienet inkarikata Donatella Bondin biex tiehu hsieb il-likwidazzjoni u li KDK la kellha assi u lanqas djun. Kellha biss is-*share capital* u *retained losses.* Kif Donatella Bondin saret taf bil-*money claim* irrizenjat minn stralcjarju. Kien propost lilu sabiex jinhatar flokha. Tkellem ma` Donatella Bondin li hija kienet minghaliha li kienet se tkun likwidazzjoni semplici u rrifjutat li tkompli ghaliex ma rieditx toqghod tiela` u niezla l-qorti ghal mizata mizera ta` EUR 300. Qatt ma qaltlu li tat ir-rizenja taghha ghaliex sabet xi haga hazina jew ghax kien hemm kwistjoni ta` frodi.

Qal illi huwa accetta l-inkariku. Huwa ra l-*financial statements* ta` KDK u ma sab xejn hazin. L-*audit reports* kienu *clean.* Sab li fl-2007, kellha

*turnover* ta` US$ 472,000,000. Fl-2008 kellha *turnover* ta` US$ 1,000,000,000. Imbaghad bdiet tnaqqas sena wara l-ohra sakemm fl-2012 ma kellhiex *turnover.* Il-profitti li kienu sostanzjali kienu jitqassmu permezz ta` l-hlas ta` *dividends.*

Kompla jixhed illi huwa ha parir legali dwar il-pretensjoni ta` r-rikorrenti. Il-parir li kellu kien illi l-pretensjoni hija nfondata.

Stqarr illi huwa sab ruhu go sitwazzjoni fejn ma kienx hemm kredituri u kien hemm biss din il-*contingent liability.*

Spjega li huwa ma rrikonoxxiex il-kreditu. Ghalhekk ma kellux l-obbligu li jsejjah *creditors` meeting.*

Xehed illi meta saret id-*declaration of solvency,* din kienet tammonta ghal garanzija personali li ser jithallas id-dejn. Huwa kellu din il-garanzija li saret *in good faith* u mexa fuqha. Spjega li huwa sejjah laqgha mal-azzjonist u mal-awditur li saret fl-ufficcju ta` l-awditur Marinelli. Huwa talab li jsir l-*audit* tal-2013. Qal illi huwa ma kellux dritt jitlob li d-*declaration of solvency* tigi awditjata. Waqt il-laqgha kien infurmat li Koncar kien qal kjarament illi fil-kaz li ssir kanonizzazzjoni tal-kreditu b`decizjoni finali tal-Qorti, huwa kien ser ihallas. Koncar kellu fondi bizzejjed mnejn ihallas il-kreditu pretiz.

Spjega li huwa ma kienx partecipi fl-ebda transazzjoni tal-kumpannija. Staqsa lill-awditur jekk il-*credit note* qattx kienet fil-kotba ; u jekk kienet, qattx giet ikkancellata. Martinelli accertah illi qatt ma kienet fil-kotba. Fis-*circularisation audit* li sar mill-awditur u nbaghtet lill-*paying agency* li kienet BHP Biliton, ma rrizultat l-ebda *credit note.*

Qal illi huwa kien sorpriz li saret kawza kontra tieghu sabiex jitnehha minn likwidatur. Qal li huwa kien talab lil Koncar jaghmel garanzija li kapaci jhallas il-kreditu pretiz, u din il-garanzija saret. Il-garanzija tikkonsisti billi 15,000,000 sehem li kellu Koncar ghaddew ghand P.I Trustees Limited. L-ishma qed jinzammu in kustodja minn Lombard Bank. P.I Trustees Limited m`ghandhiex tiehu struzzjonijiet minghand Koncar u sakemm tkun deciza finalment il-kawza, Koncar ma jistax ihassar il-garanzija. Il-garanzija tithallas skont struzzjonijiet tieghu. Fil-kaz li l-*money claim* tkun deciza b`mod definittiv kontra KDK jew kontra tieghu bhala stralcjarju ta` KDK, u Koncar ma jhallasx, allura huwa ghandu s-setgha li jitlob lit-*trustees* sabiex ibieghu l-ishma u r-rikavat imur ghand ir-rikorrenti.

Fisser illi l-uniku relazzjoni li ghandu ma` Donatella Bondin u Koncar hija professjonali u m`ghandhom l-ebda negozju flimkien. L-ewwel darba li ltaqa` ma` Koncar kien meta ghamel il-garanzija. Huwa cahad li kien konsapevoli li kien hemm xi frodi jew li addirittura ghamel frodi. Kieku sab frodi, kien jirrizenja.

Xehed illi skont l-*international reporting standards,* hemm tlett tipi ta` kredituri : *secured creditors, unsecured creditors* u *accruals and provisions.* Fil-kaz tal-lum, kien hemm *claim* li dwarha saret kawza. Min-naha tieghu huwa qies il-*claim* bhala *a contingent liability.* Billi ma kienx hemm kredituri accertati, baqa` ma sejjahx *creditors` meeting.*

Qal li huwa vverifika l-*financial statements* biex jara jekk hemmx xi kuntrast bejn id-dikjarazzjoni li ghamel Koncar u l-*audited accounts.*

Qal ukoll illi l-garanzija li ghamel Koncar bl-ishma ghandha valur ta` €13,500,000.

Kompla jghid illi minn verifiki li ghamel bejn l-2015 u l-2017 ma rrizultax li saru kawzi ohra kontra KDK.

Stqarr illi kull darba li talab flus lil Koncar dejjem hallas.

Ipprezenta estratt mill-*international reporting standards* dwar is-sinjifikat ta` *contingent liability.*

Spjega li likwidatur ma jiffirmax id-dikjarazzjoni ta` solvenza. Dikjarazzjoni bhal din issir minn direttur. Wara li accerta ruhu li saret din id-dikjarazzjoni, huwa talab li jsir *audit up to date.* Fid-*declaration of solvency* ma jkunx hemm imnizzla l-*contingent liabilities.*

**<u>Danko Koncar</u>** xehed li huwa kien direttur ta` KDK mill-15 ta` Marzu 2005 sakemm kien appuntat il-likwidatur. Skont *Business Sale Agreement* tal-20 ta` Lulju 2009, KDK bieghet in-negozju taghha lir-rikorrenti, li hija kumpannija registrata fl-Emirati Gharab Maghquda. KDK tqeghdet fi stralc fil-31 ta` Dicembru 2013 u Donatella Bondin kienet appuntata likwidatur.

Xehed illi fit-22 ta` Jannar 2014, ir-rikorrenti pprezentat il-kawza Rik. Gur. Nru. 55/2014 fejn talbet il-hlas ta` EUR 2,761,262 flimkien ma` l-imghax dekors abbazi ta` *credit note* li r-rikorrenti allegat li KDK kienet irrilaxxjat fit-8 ta` Jannar 2010. KDK ikkontestat il-pretensjoni ta` r-rikorrenti.

Kompla jixhed illi fit-3 ta` Frar 2014, Donatella Bondin irrizenjat minn likwidatur u minflokha kien appuntat Dr Renald Micallef.

Fil-25 ta` Settembru 2014, ir-rikorrenti pprezentat il-kawza tal-lum, li kienet kontestata wkoll.

Fis-26 ta` Mejju 2015, ir-rikorrenti pprezentat it-tielet kawza Rik. Gur. Nru. 501/2015 fejn talbet it-tnehhija ta` Micallef minn likwidatur. Din il-kawza giet kontestata wkoll.

Kompla jixhed illi wara li KDK bieghet in-negozju taghha lir-rikorrenti, hija ma baqghetx taghmel negozju, fatt li kien a konoxxenza ta` r-rikorrenti. Tant hu hekk illi ghall-bidu, KDK hadet l-isem ta` Samchrome Limited. Huwa kien informa lir-rikorrenti li ma xtaqx li KDK tmur ghall-istralc immedjatament wara l-firma tal-*business sale agreement* peress li l-ftehim kien jistipola li l-partijiet setghu jressqu pretensjonijiet kontra xulxin sa zmien sentejn mid-data tal-ftehim u anke minhabba li KDK kien ghad fadlilha xi assi li ma kinux gew trasferiti lir-rikorrenti. Kien ghalhekk li ppropona li jkun hemm bdil ta` l-isem minn Samchrome Limited ghal KDK biex b`hekk ma tinholoqx konfuzjoni vis-à-vis il-konsumaturi. Il-bdil tal-isem sar fit-8 ta` Jannar 2010.

Stqarr illi bhala segwitu beda jhejji t-tnehhija tal-assi ta` KDK bil-ghan li fl-ahhar titqieghed fi stralc. Ghall-ahhar ta` l-2011 u bidu ta` l-2012, huwa kien infurmat li r-rikorrenti kienet qed tippretendi l-hlas ta` EUR 2,761,262 minn KDK abbazi ta` *credit note* li KDK kien harget favur tal-kumpannija ArcelorMittal. KDK kellha negozju ma` ArcelorMittal qabel ir-rikorrenti xtrat in-negozju ta` KDK. Dik kienet l-ewwel darba li sema b`din il-pretensjoni.

Kompla jixhed illi ArcelorMittal qatt ma kienet qajjmet din il-pretensjoni ma` KDK.

Zied jghid li bhala direttur ta` KDK qatt ma approva din il-*credit note* u lanqas jaf min kien irrilaxxja dik il-*credit note.*

Stqarr illi ghalih il-*credit note* ma kinitx valida. Fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti ma kellhiex x`taqsam maghha peress li kienet mahruga favur ArcelorMittal, mhux ir-rikorrenti.

Spjega li in segwitu, ir-rikorrenti sostniet li ArcelorMittal kienet zammet pagament dovut lilha ta` EUR 2,761,262 minhabba dik il-*credit note.* Ghalih ir-rikorrenti kien messha kkontestat dak l-agir.

Sahaq illi r-rikorrenti ma setghetx tippretendi hlas minn KDK minhabba li kien sar *cession and assignment agreement.*

Spjega li huwa dejjem ghamilha cara li KDK ma kinitx responsabbli ghall-hlas ta` din il-*credit note.*

Qal li KDK qatt ma rceviet xi ittra legali jew gudizzjarja sa l-ahhar ta` l-2013.

Kompla jghid illi KDK ma setghetx toqghod tistenna lil ArcelorMittal jew lir-rikorrenti biex jiddeciedu li jiehdu azzjoni gudizzjarja fuq din il-pretensjoni. Ir-rikorrenti kienet ilha taf mill-2009 li KDK kellha tigi likwidata fuq talba ta` r-rikorrenti stess. Kien ghalhekk li fil-31 ta` Dicembru 2013, il-kumpannija tpoggiet fi stralc u nhatar stralcjarju. KDK kellha *called-up share capital* ta` $2,000 u *retained losses* ta` $2,000 u ghalhekk ma kellha l-ebda valur.

Xehed illi KDK marret ghal *member`s voluntary liquidation* u kkonferma li kien iddikjara li kien fil-pozizzjoni li jhallas id-debiti kollha fi zmien 12-il xahar mix-xoljiment tal-kumpannija. KDK ma kellha l-ebda *liabilities* ghaliex il-pretensjoni ta` r-rikorrenti qatt ma dehret fil-kotba tal-kumpannija u sa dakinhar ir-rikorrenti kienet qatt ma hadet azzjoni legali dwar il-pretensjoni taghha.

Xehed li wara li r-rikorrenti pprezentat l-ewwel kawza, huwa nforma lil Donatella Bondin izda din ma riditx tibqa` stralcjarju billi ma kinitx disposta li talloka bizzejjed hin ghall-kwistjoni. Ghalhekk irrizenjat u nhatar Dr Micallef.

Qal illi in segwitu sar jaf illi r-rikorrenti kienet ftehmet ma` ArcelorMittal sabiex takkwista din il-*credit note* sabiex b`hekk tkun hi li tfittex lil KDK ghall-hlas.

Sahaq illi Dr Micallef u Donatella Bondin qatt ma kienu nvoluti fin-negozju ta` KDK. Huma qatt ma kienu jafu bil-*credit note*.

Kompla jishaq illi r-rikorrenti hadet azzjoni legali fit-22 ta` Jannar 2014 fuq bazi ta` *credit note* invalida li giet akkwistata minghand ArcelorMittal minghajr l-approvazzjoni ta` KDK.

Ighid illi sahaq ma` Dr Micallef li ghalkemm KDK ma kellha taghti xejn lir-rikorrenti, huwa kien dispost li ghal KDK jonora kwalunkwe decizjoni li tinghata fir-rigward ta` l-pretensjoni ta` r-rikorrenti. Billi Dr Micallef talab garanzija, sar *escrow agency agreement* fid-29 ta` Jannar 2016 bejn Kermas Resources Limited, KDK Limited u PI Trustees Limited. Kermas Resources Limited hija kumpannija proprjeta` tieghu. Din ittrasferiet lil PI Trustees Limited l-ammont ta` 15,000,000-il sehem fis-socjeta` Afark Group plc bi struzzjonijiet specifici lil PI Trustees Limited illi tittrasferrixxi l-ishma lir-rikorrenti jew tbiegh l-ishma u tittrasferixxi l-proventi lir-rikorrenti fil-kaz li r-rikorrenti tikseb decizjoni favur taghha u l-ammont kanonizzat ma jkunx thallas fi zmien ghoxrin gurnata.

Xehed illi l-ishma mertu tal-garanzija li nghatat lil Dr Micallef ghandhom valur ta` EUR 13,500,000.

Fil-**kontroezami**, xehed illi fl-2008 u l-2009, kien hemm fis-sehh sistema ta` *rebate* imma ma kienx hemm ammont stipulat jew dikjarat li huwa pretiz minn ArcelorMittal. Dak li kien fis-sehh fid-data tat-trasferiment tan-negozju favur ir-rikorrenti kien kompriz fil-prezz mentri fir-rigward ta` pretensjonijiet futuri, kien hemm perijodu ta` sentejn biex tittiehed azzjoni.

Cahad li kien hemm xi pendenzi dwar *rebate* ghas-snin 2008 u 2009.

Qal li ArcerolMittal qatt ma talbet lil KDK biex thallas xejn.

Muri l-ittra li baghtet ir-rikorrenti fis-6 ta` Ottubru 2011 dwar l-ammont pretiz, huwa spjega li rcieva l-ittra. Qal illi l-ittra ntbaghtet wara li skadew is-sentejn skont il-ftehim ma` r-rikorrenti. Ghalih dik pretiza kienet tikkwalifika bhala kwistjoni gdida li kienet tohrog barra mill-ftehim.

Xehed illi huwa wiegeb ghall-ittra u talab prova ta` dak li kien pretiz.

Cahad li qatt ircieva talba ghall-hlas minghand ArcerolMittal.

Spjega li l-likwidazzjoni ta` KDK kienet ilha miftehma sa minn mindu sar it-trasferiment tan-negozju.

Cahad li certu Maske kien jghinu fin-negozju tieghu u li kien awtorizzat jiffirma ghan-nom tieghu.

Cahad li William Blundell kien ikkorrisponda mieghu dwar ir-*rebate.*

Sahaq li huwa kien il-persuna li seta` jiehu decizjonijiet u jordna hlasijiet.

## III. <u>L-Art 289 tal-Kap 386</u>

Ir-rikorrenti mexxiet bl-azzjoni tal-lum abbazi tal-**<u>Art 289 tal-Kap 386</u>** li jaqra hekk :-

> *(1) Il-Qorti tista`, fuq rikors ta` kull membru, kreditur jew kontributorju, jekk tintwera raguni xierqa sabiex dan jitnehha, tnehhi stralcjarju u tahtar stralcjarju iehor.*
>
> *(2) Vakanza li tirrizulta mill-mewt jew rizenja ta` stralcjarjumahtur mill-Qorti tista`, fuq rikors ta` xi membru, kreditur jewkontributorju, timtela mill-Qorti.*
>
> *(3) Il-persuna li tkun ghamlet ir-rikors lill-Qorti skont is-subartikolu (2) ghandha, fil-kaz ta` vakanza li tirrizulta mill-mewt ta` stralcjarju, tgharraf lir-Registratur bil-mewt tal-istralcjarju.*

Fil-ktieb **Principles of Maltese Company Law** (OUP – 2007) **Andrew Muscat** ifisser din id-disposizzjoni hekk :-

> *"In the case both of a members` voluntary winding up and of a creditors` voluntary winding up, the court may, on the application of any member (or any creditor or contributory) remove a liquidator if it is satisfied that there exist sufficient grounds to warrant his removal. (Articles 289(1) Companies Act. In the case of a winding up by the court, the court, may, on the application of any creditor or contributory, remove a liquidator if is satisfied that there exist sufficient grounds to warrant his removal. [Article 236(1) Companies Act] ... Under the Commercial Partnerships Ordinance, an individual member has no right, alone, to petition the court for removal of the liquidator. A court may, however, on a demand made by members holding in the aggregate not less than one-tenth of the paid up share capital of the company, remove a liquidator from office (whether he would have been appointed by the company or by the court) if it is satisfied that there exist sufficient grounds to warrant his removal. [Article 152(1) Commercial Partnerships Ordinance]. The Court will then appoint a new liquidator itself. A vacancy resulting from the death or resignation of a liquidator appointed by the court following the removal or the previous liquidator may be filled by the court on the application of any member, contributory or creditor. (Article 289(2) Companies Act). The law again recognizes the interest of each individual member in the liquidation process."*

Decizjoni dwar tnehhija ta` stralcjarju kienet li tat il-Qorti ta` l-Appell fid-29 ta` Novembru 2013 fil-kawza fl-ismijiet **Maggur Victor Aloysius Tonna et vs Emanuel Grech pro et noe et**

Tajjeb jinghad illi s-sentenza kienet inghatat fil-kuntest tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali li kienet il-ligi li kienet tapplika ghall-kwistjoni.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"25. Fit-tielet aggravju taghhom l-atturi jilmentaw li bhala agent fiducjarju tal-kumpanija l-istralcjarju injora stima ta` proprjeta` fl-ammont ta` Lm 17,000 u minflok nnegozja bil-mohbi tal-azzjonisti konvenuti u biegh dan l-immobli ghal prezz ridikolu ta` Lm 1600 filwaqt li fir-raba` aggravju l-appellanti jilmentaw li l-istralcjarju, b`nuqqas ta` buona fede, dahal fi ftehim ta` tranzazzjoni tat-8 ta` Ottubru 1976 minghajr il-kunsens bil-miktub tas-socji kontra dak li kien jipprovdi l-Artikolu 44 tal-Ordinanza li in virtu` tieghu l-istralcjarju kellu l-obbligu li ma jittransigix jekk ma jkunx awtorizzat mill-azzjonisti.*

*26. L-Artikolu 152 tal-Ordinanza dwar Socjetajiet Kummercjali ("l-Ordinanza"), li hi l-ligi vigenti fiz-zmien tal-fatti mertu ta` din il-kawza, kien jipprovdi fit-tieni proviso tas-subartikolu (1) tieghu li stralcjarju, sew mahtur mill-kumpannija sew mill-qorti, jista` jitnehha mill-kariga b`ordni tal-qorti fuq talba, b`citazzjoni maghmula minn membri tal-kumpannija li jkollhom b`kollox mhux anqas minn ghaxra wahda (wahda minn ghaxra) tal-kapital azzjonarju mhallas tal-kumpanija, jekk il-qorti jidhrilha li jkun hemm ragunijiet bizzejjed li jiggustifikaw it-tnehhija tieghu. Il-ligi ma tispecifikax f`hix jikkonsistu tali ragunijiet u ghalhekk id-decizjoni thalliet fid-diskrezzjoni wiesa` ferm tal-Qorti.*

***Ghalhekk, ghalkemm ma hux mehtieg li jkun hemm necessarjament ghemil li jkun doluz jew frawdolenti, izda certament lill-Qorti jrid necessarjament jirrizultaw ragunijiet ta` certu grad ta` serjeta` qabel tghaddi biex tordna t-tnehhija ta` likwidatur u trid tkun perswaza li dik it-tnehhija tkun fl-interess tas-socjeta` u ma tkunx ta` hsara ghaliha jew ghall-process tal-istralc.***

*27. Wara r-rizoluzzjoni tax-xoljiment ta` socjeta` kummercjali, l-iskop ta` dik is-socjeta` jinbidel u jittrasforma ruhu f`wiehed ta` realizzazzjoni tal-assi u hlas ta` djun, u distribuzzjoni bejn is-soci ta`*

*dak li jkun baqa` (Qorti tal-Kummerc,* ***Salvatore Bondin v. Paul Vella noe.****, 10/5/1993).*

*Sabiex jintlahaq dan il-ghan l-istralcjarju ghandu setghat wiesa` hafna vestiti fih bil-ligi (****Company Law****, Pennington, 3rd Ed., Butterworths, 1973, p. 712). Skont l-Artikolu 44(1) tal-Ordinanza (applikabbli ghall-istralc ta` kumpaniji bl-Artikolu 156 tal-istess Ordinanza u bl-aggustamenti dettati minn dan l-artikolu), l-istralcjarju ghandu jirrapprezenta lill-kumpanija u jkollu s-setgha li jaghmel dak kollu li jwassal u li jkun ancillari ghall-istralc tan-negozju tal-kumpanija izda ma ghandu jressaq ebda kwistjoni quddiem arbitragg jew jittransigi jekk ma jkunx hemm rizoluzzjoni straordinarja mehuda mill-kumpanija f`laqgha generali.*

*Anqas jista` l-istralcjarju jaghmel ebda operazzjoni kummercjali gdida (Art. 44(2) tal-Ordinanza).*

*28. In kwantu ghal dik il-parti tat-tielet aggravju riferibilment ghad-diskrepanza bejn l-ammont ta` Lm1600 li l-istralcjarju accetta ghall-benefikati tal-fabbrika u l-ammont ta` Lm17,000 (£20554) stmat bhala l-valur taghha skont l-istima tal-Perit Stephen Mangion (fol. 16) din il-Qorti, minkejja li d-diskrepanza hi wahda konsiderevoli, ma hix sodisfatta li fil-kuntest tal-cirkostanzi tal-kaz kif jirrizultaw mill-provi din waheda hi raguni sufficjenti sabiex tigi ordnata t-tnehhija tal-istralcjarju u dan sostanzjalment ghall-istess ragunijiet moghtija mill-perit legali fil-paragrafi (36)(ii) sa 36(iv) tar-relazzjoni tieghu.*

*29. Fir-raba` aggravju tieghu, izda, l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-konvenut Emanuel Grech b`nuqqas ta` buona fede, dahal fi ftehim ta` tranzazzjoni minghajr il-kunsens bil-miktub tas-socji u dan kontra dak li espressament kien jipprovdi l-Artikolu 44 tal-Ordinanza li in virtu` tieghu l-istralcjarju kellu l-obbligu li ma jittransigix jekk ma jkunx awtorizzat mill-azzjonisti.*

*30. Issa huwa minnu li l-istralcjarju, sabiex jirrealizza l-assi tal-kumpanija, jista` anki jbiegh*

*proprjeta` immobbli tal-kumpanija (**<u>Company Law,</u>** Pennington, op. cit., p. 712) izda dan ma jistax jaghmlu fil-kazijiet projbiti mil-ligi; u jekk il-ligi tipprojbixi lill-istracjarju milli jittransigi minghajr il-kunsens tas-socji, jekk il-bejgh tal-immobbli jkun parti integrali minn operazzjoni ta` tranzazzjoni allura jsegwi li dak il-bejgh mill-istralcjarju ma jistax isir. Bl-Artikolu 44(1) tal-Ordinanza l-istralcjarju kellu impost fuqu d-divjet li jittransigi jekk mhux wara rizoluzzjoni straordinarja mehuda mill-kumpanija f`laqgha generali. Ghalhekk filwaqt li jista` jkun minnu dak li qal il-perit legali fir-relazzjoni tieghu li "ma jidherx li huwa tassattiv illi ghall-kull att singolu li jaghmel stralcjarju fil-kors tal-istralc huwa ghandu `nolens volens` jitlob awtorizzazzjoni minn qabel tas-socji" (fol. 780) huwa fl-istess hin mill-aktar car u b`mod tassattiv provdut mil-ligi li l-istralcjarju ma setax jittransigi minghajr ma jkun hemm rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija mehuda f`laqgha generali.*

*31. Irrizulta li bi ftehim tat-8 ta` Ottubru 1976 (Doc. H, fol. 50) bejn l-istracjarju Emanuel Grech u l-kumpanija The Malta Steel Company Limited l-istralcjarju irrinunzja a favur il-kumpanija Malta Steel ghall-kirja tal-art f`Hompesch limiti ta` Zabbar li fuqha kienu nbnew benefikati konsistenti f`factory hut u l-kumpanija Malta Steel hallset lill-istralcjarju s-somma ta` Lm1600 ghas-saldu ta` kull kumpens dovut lill-istralcjarju ghall-benefikati msemmija. Barra minn hekk, il-kumpanija Malta Steel irrinunzjat ghal kwalunkwe drittijiet taghha li tithallas kwalunkwe arretrati ta` kera jew kumpens li setghu kienu dovuti lilha ghall-uzu tal-factory hut imsemmija. Dan il-ftehim ma setax kien hlief in linea ta` tranzazzjoni tal-pendenzi ta` bejn il-partijiet sabiex jevitaw kawzi bejniethom. In kwantu tali, l-istralcjarju ma setax jidhol f`dan il-ftehim jekk ma jkunx hemm rizoluzzjoni straordinarja mehuda mill-kumpanija Tyblock Limited f`laqgha generali. Tali rizoluzzjoni, ex admissis mill-istralcjarju stess, ma kienx hemm. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar l-Artikolu 44 tal-Kap. 168 l-istralcjarju xehed li huwa ma qaghadx ifittex il-ligi izda kien biss ha immedjatament parir legali privat. Dan il-parir legali ma giex prodott izda anki*

*kieku gie prodott ma jistax iservi sabiex jezimi lill-istralcjarju mir-responsabbilitajiet tieghu skont il-ligi jekk dak li ghamel ikun ghamlu kontra l-ligi kif awtorevolmjent interpretata u applikata mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti il-portata tal-allura Artikolu 44 tal-Kap. 168 hija cara u inekwivoka u daqstant hija cara u inekwivoka il-portata u effett tal-ftehim imsemmi tat-8 ta` Ottubru 1976 li ma jistax jiftiehem mod iehor hlief li kien ftehim ta` tranzazzjoni bejn l-istralcjarju u s-socjeta` The Malta Steel Company Limited, ftehim li l-istralcjarju kien ghalhekk projbit milli jidhol fih minghajr il-kunsens tas-socji tas-socjeta` Tyblock Ltd espressa f`rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija mehuda f`laqgha generali.*

*32.* ***Sabiex ikun hemm raguni bizzejjed li tiggustifika t-tnehhija ta` stralcjarju ma hux mehtieg li l-ghemil in kwistjoni ikun ultra vires is-setghat tieghu, izda huwa minnu, kif ritenut mill-perit legali, anki fuq l-iskorta tal-awtur Palmer, li meta dak l-ghemil ikun jinkwadra fis-setghat tal-istralcjarju l-Qorti ma tintervejnix sabiex tnehhi lill-istralcjarju minhabba dak l-ghemil jekk ma jirrizultalhiex li l-istralcjarju jkun agixxa frawdolentement jew tal-anqas b`mala fede jew ikun agixxa b`mod li ebda persuna ragonevoli u responsabbli ma kienet tagixxi bhalu (<u>Company Law</u>, Pennington, op. cit.,, p. 718). Il-kwalifiki ta` agir frawdolenti jew tal-anqas b`mala fede, izda, ma jibqghux mehiega fejn l-agir tal-istralcjarju jkun kontra d-divjet espress tal-ligi jew ikun xort`ohra kontra l-ligi, f`liema ipotesijiet l-agir vjolattiv tal-ligi jista`, anki jekk mhux frawdolenti jew b`mala fede, jitqies gravi bizzejjed sabiex il-Qorti tordna t-tnehhija tal-istralcjarju.***

*33. Dan l-agir palesament kontra l-ligi din il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrahx wiehed gravi u ta` pregudizzju serju ghad-drittijiet tal-azzjonisti b`mod partikolari fid-dawl tal-oggezzjonijiet mhux traskurabbli jew irragonevoli tal-attur registrati permezz tat-tielet aggravju fuq imsemmi, anki jekk wahdu din il-Qorti ma sabitux, fic-cirkostanzi partikolari li rrizultaw, sufficjenti biex jiggustifika*

*t-tnehhija tal-konvenut stralcjarju. Din il-Qorti, ghalhekk, ssib li l-agir li minnu jilmentaw l-atturi f`dan ir-raba` aggravju huwa serju bzzejjed sabiex jiggustifika t-tnehhija tal-konvenut stralcjarju Emanuel Grech ghat-tenur tal-Artikolu 44 imsemmi tal-Kap. 168 u ghaldaqstant dan ir-raba` aggravju tal-appellanti qieghed jigi akkolt.*

*…*

*35. Is-sitt aggravju jikkonsisti filli l-atturi jsostnu li kuntrarjament ghal dak ritenut mill-ewwel Qorti u mill-perit legali l-agir tal-istralcjarju fil-kaz tan-nuqqasijiet minnhom elenkati kien motivat b`animu doluz u skop frawdolenti versu l-atturi.*

*36. Fir-rigward ta` dan l-aggravju, il-Qorti tirrileva li in-nuqqas ta` prova ta` motivazzjoni ta` animu doluz u skop frawdolenti li ghaliha jaghmlu riferenza l-appellanti f`dan l-aggravju issemmiet mill-perit legali fil-kuntest ta` tlett nuqqasijiet specifici allegati mill-appellanti fic-citazzjoni u cioe` n-nuqqas ta` komunika ma` l-atturi, in-nuqqas da parti tal-istralcjarju li jaghti kopja tat-trasferiment datat 8 ta` Ottubru 1976 lill-atturi appellanti u n-nuqqas da parti tal-istralcjarju li jzomm il-Laqgha Generali ta` kull sena tul l-istralc. In sostenn ta` dan l-aggravju l-appellanti jibdew billi semplicement jistqarru li l-istess fatti ta` nuqqas ta` komunika, nuqqas ta` konsenja tal-kopja tat-trasferiment imsemmi, u n-nuqqas ta` zamma tal-Laqgha Generali ta` kull sena kienu juru li l-istralcjarju ma kienx qieghed jagixxi b`mod trasparenti u in good faith.* ***In-nuqqas ta` trasparenza, izda, ma jimportax necessarjament animu doluz jew skop frawdolenti waqt li s-semplici fatti nfushom msemmija wkoll ma jimportawx necessarjament li l-istralcjarju ma kienx in buona fede*** *partikolarment meta l-istracjarju xehed li kien kontinwament iggwidat minn pariri legali tal-avukat tieghu.*

*37. In kwantu li fil-kuntest ta` dan l-aggravju bhala prova tal-animu doluz l-appellanti jaccennaw ghal mod kif l-istralcjarju "biegh" il-fabbrika ta`*

*Tyblock Limited din il-Qorti gia sabet fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet taghha dwar ir-raba` aggravju tal-appellanti li l-fatt li l-konvenut stralcjarju dahal, kontra d-divjet espress tal-ligi, fil-ftehim ta` tranzazzjoni datat 8 ta` Ottubru 1976 hu raguni sufficjenti ghat-tnehhija tieghu anki minghjar il-htiega ta` prova ta` animu doluz jew skop frawdolenti. B`danakollu din il-Qorti ma hix sodisfatta li b`daqshekk gie pruvat xi animu doluz jew skop frawdolenti in kwantu rigwardanti it-tlett nuqqasijiet specifici indirizzati f`dan l-aggravju.*

*38. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint ukoll.*

…

*40. Fit-tmien u l-ahhar aggravju taghhom l-appellanti jsostnu li l-istralcjarju naqas milli jhallas lill-attur Lm200, liema somma hi privileggjata skont il-ligi u li minn dan jidher li l-istralcjarju kien taht il-kontroll tal-konvenuti ghaliex filwaqt li huwa naqas li jhallas lill-attur hallas lil MDC ghaliex il-konvenuti jsostnu li t-talba tal-MDC kienet gustifikata. Jidher li dan l-aggravju qieghed jingieb `il quddiem sabiex isostni t-talba tal-appellanti fic-citazzjoni li dan in-nuqqas huwa raguni sufficjenti skont il-ligi ghat-tnehhija tal-istralcjarju. Il-perit legali ikkonsidra fid-dettal il-pretensjoni tal-appellant ghas-somma ta` Lm200 kif ukoll il-pagament da parti tal-istralcjarju tal-ammont pretiz millM.D.C. u ghar-ragunijiet akkuratament spjegati mill-perit legali, u li b`ebda mod ma gew minimament indirizzati mill-appellanti f`dan l-aggravju, l-agir tal-istralcjarju fir-rigward taghhom gie ritenut incensurabbli u li ma jimmeritax it-tnehhija tal-istralcjarju u/jew li jwiegeb ghad-danni.*

*Tenut kont tal-fatt li r-ragunijiet moghtija mill-perit legali u li gew addottati mill-ewwel Qorti b`ebda mod ma gew kontestati jew minimament indirizzati mill-appellanti fl-aggravju taghhom, din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi minnhom u mill-konkluzjoni milhuqa a bazi taghhom u ghalhekk din il-Qorti ssib li dan*

*l-aggravju wkoll ma giex sostnut u qieghed jigi respint."* (enfasi ta` din il-Qorti)

L-Ingilterra *the appointment or removal of a liquidator by the court* huwa regolat bl-**<u>Art 108 tal-Insolvency Act 1986</u>** li jghid :-

*1* *If from any cause whatsoever there is no liquidator acting, the court may appoint a liquidator.*

*2* *The court may, on cause shown, remove a liquidator and appoint another.*

Ir-rikorrenti ghamlet referenza ghad-decizjoni li tat ic-Chancery Division (Companies Court) fis-27 ta` Frar 1987 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Keypack Home care Ltd (No 1).</u>**

Il-Qorti ghamlet dawn ir-rilievi :-

*"Section 108(2) authorized the court to remove a liquidator "on cause shown". That placed a burden on the applicant to show cause why the liquidator should be removed. However the words of the statute were very wide and from authority the rule appeared to be that in order to effect the removal of a liquidator the court needed only to be satisfied that that was fro the general advantage of those interested in the assets of the company, notwithstanding that no personal misconduct or unfitness could be shown on the part of the liquidator. It might be appropriate to remove a liquidator even though nothing could be said against him either personally or in his conduct of the particular liquidation.*

…

*A liquidator who could see from the statement of affairs that there were likely to be insufficient assets to enable him to discharge his duties ought to make that position clear at the creditors` meeting and insist on being authorized by those present to take such steps as might be necessary. Simply to stand back and do nothing and then claim that that was justified by lack of finance was not good enough."*

Decizjonijiet ohra ta` rilevanza ghall-kaz taht ezami kienu :-

**AMP Enterprises Ltd -v- Hoffman and Another** ChD [Times 13-Aug-02, Gazette 19-Sep-02, [2002] EWHC 1989 (Ch)] fejn :

*A creditor sought an order to replace the company liquidator.*

*Held : Such orders were discretionary, but courts should not grant them too readily. It was for the applicant to show good reason for the order. The circumstances would vary widely.*

**Quickson (South and West) Limited -v- Stephen Mark Katz, John Stephen Kelmanson (As Joint Liquidators of Buildlead Limited)** ChD ([2004] EWHC 2443 fejn :

*Various applications were made in the insolvency, including for removal of the liquidators and declarations that certain payments were a fraudulent preference on the creditors.*

*Held : No prejudice had been shown by any procedural irregularity.*

**Re Edennote Ltd; Tottenham Hotspur plc -v- Ryman CA** [Times 03-Jun-96, Gazette 03-Jul-96, [1996] 2 BCLC 389] fejn :

*The company was in liquidation. Terence Venables, who had owned the shares, had taken an assignment of a cause of action against the football club. The court had set aside that assignment, and removed the liquidator. Venables appealed.*

*The English Court of Appeal, Civil Division, by Nourse LJ held "fraud and bad faith apart on the aprt of a liquidator, the court will only interefere with the act of a liquidator, "if he has done something so utterly unreasonable and absurd that no reasonable man would have done it." Liquidators must, in most of what they do, also stated Nourse LJ "act as prudent business men."*

## IV. L-ewwel (1) eccezzjoni preliminari

Fl-ewwel eccezzjoni preliminari kien eccepit illi l-istralcjarju meta mharrek fil-vesti tieghu personali ma kienx il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti u ghalhekk de proprio kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti tikkondividi l-fatt illi t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti huma ntizi sabiex jolqtu lill-istralcjarju in rappresentanza ta` KDK.

Mhuwiex rekwizit ghas-success ta` azzjoni ta` din ix-xorta li din issir kontra l-istralcjarju fil-vesti tieghu personali.

**Ghalhekk qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni.**

**V. <u>It-tieni (2) eccezzjoni preliminari</u>**

Qed ikun eccepit illi r-rikorrenti ma ghandhiex l-interess guridiku li tressaq din l-azzjoni peress li l-kreditu vantat mir-rikorrenti ghadu ma giex kanonizzat.

Inghad illi l-ezitu tal-kawza Rik. Gur. Nru. 55/2014 JZM ghadu mhux maghruf, u ghalhekk ir-rikorrenti ma tikkwalifikax bhala *kreditur* ta` KDK anke ghall-finijiet u effetti tal-Art 289 tal-Kap 386.

Il-Qorti terga` tirreferi ghal Pag 257 ta` **<u>Principles of Maltese Company Law</u>** (op. cit.) fejn **<u>Andrew Muscat</u>** ighid hekk b`riferenza ghall-Art 315(1) tal-Kap 386 :-

> *"the wording of the provision appears wide enough to include fraud committed against potential creditors (Vide L.S. Sealy & D Milman, Annotated Guide to the Insolvency Legislation (5th ed. 1999 at pg 244). In Re Seillon (1982 Crim L.R. 676), the creditor was a bank which had brought an action against the defendant some nine years previously but had not pursued it. The jury was directed to interpret the term "creditor" so as to include "persons who the defendant feared would pursue him with legal claims in Court." The Court of Appeal upheld his conviction even though the judges were willing to accept that the bank was not a creditor for the purposes of the bankruptcy legislation. They noted that the term "admitted of some flexibility".*

**<u>Andrew Muscat</u>** jaghmel referenza ghad-decizjonijiet Inglizi : *R v. Kemp* (1988) Q.B. 645 ; u *Re L. Todd (Swanscombe) Ltd.* (1990) BCC 125.

**Id-direzzjoni dottrinali, u gurisprudenzjali anke jekk estera, tghodd ghall-kaz tal-lum.**

**U qeghda tkun accettata minn din il-Qorti.**

Ir-rikorrenti ghandha l-interess guridiku li tippromwovi l-azzjoni.

**Ghalhekk qeghda <u>tichad</u> it-tieni eccezzjoni.**

**VI. <u>Mertu</u>**

**1. <u>Generali</u>**

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti elenkat lista dettaljata ta` nuqqasijiet specifici li allegatament kien responsabbli ghalihom l-intimat stralcjarju. Ir-rikorrenti tikkontendi li abbazi ta` dawk in-nuqqasijiet din il-Qorti ghandha tnehhi l-istralcjarju attwali u tappunta lil haddiehor minfloku.

Huwa manifest li r-rikorrenti rabtet it-talbiet taghha unikament man-nuqqasijiet minnha elenkati fir-rikors u ghalhekk sejra tirrestringi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet taghha ghal dawk li r-rikorrenti stess ghazlet li ghalihom tillimita t-talbiet taghha fl-att promotur tal-gudizzju.

Il-Qorti hi obbligata tillimita ruhha ghall-kontroversja kif arginata mill-premessi u talbiet tar-rikors promotur u mill-eccezzjonijiet sollevati kontra l-istess.

**2. <u>L-ilmenti tar-rikorrenti</u>**

Ir-rikorrenti tilmenta illi :-

- l-istralcjarju kien konsapevoli sa minn Jannar 2014 illi kuntrarjament ghal dak li kien stqarr Koncar fid-*declaration of solvency*, KDK kienet debitrici versu r-rikorrenti u minkejja dan, naqas illi jsejjah *creditors meeting* kif kien obbligat jaghmel skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 386, u senjatament l-Art 265, 272 u 315.

- l-istralcjarju naqas li jidher fil-proceduri istitwiti mir-rikorrenti kontra tieghu kif ukoll naqas li jiddefendi ruhu u lil KDK Limited fil-kawza Rik. Gur. Nru. 842/14 JZM, tant li hemm kien dikjarat kontumaci kemm fl-isem tieghu propju u kif ukoll bhala stralcjarju ta` KDK.

- l-istralcjarju kiser l-Art 273 tal-Kap 386, ghaliex wara li ghaddiet sena jew iktar, baqa` ma sejjahx il-*creditors meeting* kif kien obbligat li jaghmel skond dik id-disposizzjoni.

- l-istralcjarju pro et noe ghandu kunflitt ta` interess ghaliex huwa assistit mill-istess avukat li qed jassisti ukoll kemm lil Danko Koncar fl-isem tieghu propju, kemm lill-ewwel likwidatur fl-isem taghha propju kif ukoll lil KDK li certament u mhux biss m`ghandhomx l-istess interess imma ghandhom interessi separati u mill-izjed konfliggenti. Apparti illi qieghed ihallas l-istralcjarju prezenti, Koncar kien qieghed ihallas ukoll l-avukat tal-intimat, li huwa wkoll l-avukat tieghu, meta dan jaf ben tajjeb illi KDK m`ghandha assolutament xejn. Kien allegat li dan qed jiskambja informazzjoni mal-persuna li kontra tieghu l-kumpannija jista` jkollha *claims* ai termini tal-Art 303, 307 u 308 tal-Kap 386.

- l-istralcjarju huwa konsapevoli tal-ezistenza tal-kreditu dovut izda baqa` jinnega l-ezistenza ta` l-istess, u aghar minn hekk baqa` jagixxi bhala stralcjarju ta` KDK, u skarta ghal kollox id-disposizzjoni rilevanti tal-Kap 386.

- likwidatur huwa obbligat, skont il-ligi, li jinvestiga, indipendentement mill-*beneficial owner*/direttur li jkun ha d-decizjoni li jqieghed socjeta` fi stralc, kif ukoll li jinvestiga b`mod indipendenti kwalunkwe *claim* li jigi mgharraf bih, kemm qabel kif ukoll waqt il-likwidazzjoni tal-kumpannija b`dan illi ma jista` qatt joqghod biss fuq dak li jghidlu d-direttur, kif ghamel u kif ilu konsistentement jaghmel l-intimat. Skont l-*accounts* ta` KDK sal-31 ta` Dicembru 2012, din kienet tippossjedi aktar minn $US 14-il miljun. Dawn sparixxew sakemm KDK kienet xjolta u mqeghda fi stralc ; b`hekk in-*net asset worth* taghha meta din

bdiet il-*voluntary liquidation* sar xejn, u dan meta Koncar kien ilu snin konsapevoli tal-ezistenza tal-kreditu tar-rikorrenti.

- in-nuqqas ta` l-istralcjarju li jirrizenja wara li sar jaf li permezz ta` sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali ta` Zagreb fis-7 ta` Ottubru 1997, Koncar kien misjub hati ta` misapproprjazzjoni kemm f`ammont li jeccedi 100,000 Dinar kif b`akkuza separate, hati " … *of having expropriated a further amount of 524/723.65 Libyan Dinar equivalent to a total amount of 80,000 Dutch Guilders by abusing his position of trust. After being found guilty of these two criminal acts and embezzled the amount indicated supra he was imprisoned for a total a period of 18 years besides also being banned from working in managerial positions in economy for the duration of six years and also ordered to cover criminal procedure costs in the amount of 44557.85 Dinars."*

**i) <u>L-ewwel ilment</u>**

Inghad mir-rikorrenti illi l-istralcjarju kien konsapevoli sa minn Jannar 2014 illi, kuntrarjament ghad-*declaration of solvency* li ghamel Koncar, KDK kienet debitrici taghha, u minkejja dan, naqas illi jsejjah *creditors meeting* kif kien obbligat jaghmel skont l-Art 265, 272 u 315 tal-Kap 386.

**<u>L-Art 265 tal-Kap 386</u>** ighid :-

> *(1) Meta kumpannija tkun ghaddiet rizoluzzjoni ghax-xoljiment u stralc volontarju konsegwenzjali, din ghandha, fi zmien erbatax-il jum wara d-data tax-xoljiment tal-kumpannija, tikkonsenja avviz tar-rizoluzzjoni lir-Registratur ghar-registrazzjoni.*
>
> *(2) Fin-nuqqas ta` tharis mill-kumpannija ta` dan l-artikolu kull stralcjarju jew ufficjal tal-kumpannija li jkun naqas jista` jehel penali, u, ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali ohra.*

Minn qari ta` din id-disposizzjoni, jirrizulta li din tittratta l-obbligu ta` kumpannija li tipprezenta r-rizoluzzjoni ta` xoljiment u stralc volontarju konsegwenzjali.

Fil-kaz odjern, jirrizulta li permezz ta` rizoluzzjoni ta` xoljiment u stralc volontarju konsegwenzjali tal-31 ta` Dicembru 2013 (Dok B a fol 9) KDK fuq struzzjonijiet ta` Koncar bhala direttur taghha kienet xjolta u mqeghda fi stralc. Dakinhar kienet mahtura Donatella Bondin bhala stralcjarja sabiex twettaq l-istralc volontarju tal-membri ta` KDK.

Fil-31 ta` Dicembru 2013 ukoll, Koncar ghamel id-dikjarazzjoni ta` solvenza (Dok A a fol 7), li maghha kien hemm dikjarazzjoni tal-qaghda finanzjarja tal-kumpannija. Din kienet turi li dakinhar KDK kellha kapital azzjonarju ta` US$ 2,000 u telf fl-istess ammont (fol 8).

**Jirrizulta ghalhekk li dak rikjest mill-Art 265 kien sodisfatt.**

**Id-disposizzjoni ma ssemmi xejn li l-istralcjarju kellu jsejjah laqgha tal-krredituri kif pretiz mir-rikorrenti.**

Nigu issa ghall-**Art 272 tal-Kap 386**, li jghid hekk :-

> *(1) Jekk l-istralcjarju, f`xi zmien wara li tkun saret dikjarazzjoni skont l-artikolu 268, ikun tal-fehma li l-kumpannija mhux se tkun tista` thallas id-djun taghha fiz-zmien imsemmi f`dik id-dikjarazzjoni, ghandu minnufih isejjah laqgha tal-kredituri, u jqieghed quddiem il-laqgha dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-kumpannija u d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 276 ghandhom japplikaw.*
>
> *(2) Jekk l-istralcjarju jonqos li jhares dan l-artikolu jkun jista` jehel penali.*

L-Art 272 jaghti l-fakolta` lill-istralcjarju sabiex isejjah laqgha tal-krredituri, jekk ikun tal-fehma li l-kumpannija mhux ser tkun tista` thallas id-djun taghha fiz-zmien indikat fid-dikjarazzjoni ta` solvenza.

Il-Qorti qeghda tifhem il-pozizzjoni tar-rikorrenti fis-sens li tikkontendi li ghandha kreditu kontra KDK. Fl-istess waqt ladarba l-allegat kreditu ghadu mhux kanonizzat, l-istralcjarju ghadu ma jistax jikkonkludi li KDK "*mhux se tkun tista` thallas id-djun taghha*" fiz-zmien li kien indikat fir-rizoluzzjoni ta` xoljiment u stralc volontarju konsegwenzjali. Il-kreditu pretiz mir-rikorrenti huwa l-mertu tal-kawza Rik. Gur. Nru. 55/2014 JZM.

Ghalhekk ladarba sal-lum hemm biss *a contingent liability* mhuwiex il-lok li tissejjah laqgha tal-kredituri.

Ir-rikorrenti taghmel l-argument illi l-istralcjarju kien jaf bl-esistenza tal-kreditu taghha izda baqa` jinnega li l-kreditu kien dovut. Kien hemm insistenza da parti tar-rikorrenti illi l-likwidatur huwa obbligat li jinvestiga, indipendentement mill-*beneficial owner*/direttur li jkun ha d-decizjoni li jqieghed is-socjeta` fi stat ta` xoljiment u stralc, kif ukoll li jinvestiga b`mod indipendenti kwalunkwe talba li jsir jaf biha, kemm qabel kif ukoll fil-kors tal-likwidazzjoni tal-kumpannija.

**Din il-posizzjoni tar-rikorrenti mhijiex kondiviza mill-Qorti.**

Minkejja li l-istralcjarju ma hassx il-htiega li tissejjah laqgha tal-kredituri, il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-istralcjarju baqa` passiv.

Fil-mument tal-hatra tieghu, Dr Micallef sab li KDK kellha assi ta` US$ 2,000 kostitwiti mill-kapital azzjonarju u debiti ghall-istess ammont. Sab li kien hemm il-kawza Rik. Gur. Nru. 55/2014 li kienet kontestata. U stenna l-ezitu taghha. Pero` ma waqafx hemm. Huwa ghamel il-verifiki dwar id-dikjarazzjoni tal-qaghda finanzjarja ta` KDK li kienet saret fil-31 ta` Dicembru 2013. Kellu laqghat mal-awditur Marinelli u mad-direttur Koncar sabiex sabiex jikseb aktar taghrif dwar il-pretensjoni tar-rikorrenti. Talab li jsir l-*audit* tas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2013, sabiex il-kreditu pretiz jitqies bhala *contingency liability* (Dok DM 1 a fol 235 sa 247). In segwitu, talab u kiseb garanzija ghall-hlas fl-eventwalita` li l-kreditu tar-rikorrenti ma jibqax biss pretiz izda jigi kanonizzat b`decizjoni fil-kawza Rik. Gur. Nru. 55/2014 li tghaddi in gudikat (Dok RM 1 a fol 385 sa 397 u Dok RM 2 a fol 398).

**Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti mhijiex tirriskontra nuqqas fit-twettieq tal-obbligi ta` Dr Micallef bhala stralcjarju.**

Nigu issa ghall-**Art 315 tal-Kap 386** li jghid :-

> *(1) Jekk waqt l-istralc ta` kumpannija sew jekk b`ordnital-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-hsieb ta` frodi ta` kredituri tal-kumpannija jew ta` kredituri ta` xi persuna ohra jew bil-ghan ta`frodi, il-qorti*

*tista` fuq rikors tar-ricevitur ufficjali, jew tal-istralcjarju jew ta` xi kreditur jew ta` xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li taghmel hekk, tiddikjara li xipersuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, minghajrebda limitazzjoni ta` responsabbiltà ghal kull jew ghal xi dejn jewresponsabbiltajiet ohra tal-kumpannija kif il-qorti tista` tordna.*

*(2) Meta n-negozju ta` kumpannija jitmexxa b`dak il-hsieb jew ghal dawk l-ghanijiet hekk kif imsemmija fis-subartikolu (1), kull persuna li xjentement tkun parti fit-tmexxija tan-negozju kif intqal qabel, tkun hatja ta` reat u tista` tehel meta tinstab hatja multa ta`mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa` mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (232,937.34) jew prigunerijaghal perijodu ta` mhux aktar minn hames snin jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

**Id-disposizzjoni tittratta kummerc bi frodi, bl-ewwel subartikolu jirrelata ghall-aspetti civili waqt li t-tieni subartikolu jirrigwarda l-aspett penali. Iz-zewg subartikoli ma jikkoncernawx laqghat tal-kredituri. Jekk il-hsieb tar-rikorrenti kien li tirreferi ghall-Art 315 sabiex tinvoka kummerc bi frodi da parti tal-istralcjarju, allura l-Qorti m`ghandhiex xi zzid mal-konsiderazzjonijiet li diga` ghamlet fid-decizjoni li tat illum stess fil-kawza Rik. Gur. Nru. 842/2014 JZM.**

**L-ewwel ilment huwa nfondat.**

**ii) <u>It-tieni ilment</u>**

Ir-rikorrenti tilmenta illi fil-kawza Rik. Gur. Nru. 842/14 l-istralcjarju la deher u lanqas iddefenda lilu nnifsu u lil KDK tant li kien dikjarat kontumaci.

Din il-Qorti tqis illi dan l-ilment m`ghandux iwassal ghat-tnehhija ta` Dr Micallef minn stralcjarju u s-sostituzzjoni tieghu.

Ghad illi kien hemm drabi fejn Dr Micallef ma deherx ghal xi udjenzi, huwa dejjem kien rapprezentat mill-avukat ta` fiducja tieghu, li deher ghalih kemm fil-kwalita` personali tieghu u kif ukoll bhala stralcjarju ta` KDK. Ma rrizultax li Dr Micallef abbanduna jew tilef l-interess fil-kawzi.

Dwar il-kontumacja tal-istralcjarju fil-kawza Rik. Gur. Nru. 842/2014 JZM, il-Qorti tosserva illi ghalkemm legalment Dr Micallef kien kontumaci kif jirrizulta mill-atti tal-kawza, huwa ghamel li seta` sabiex jithalla jipprezenta risposta guramentata. Sahansitra mar quddiem il-Qorti tal-Appell (Dok RM 11 a fol 184 sa 195) biex jittenta jikseb revoka tas-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` April 2015 (Dok E fol 12 sa 30). Fi kwalunkwe kaz, il-kontumacja ma tista` qatt tkun ekwiparata ma` ammissjoni propju ghaliex hija meqjusa bhala kontestazzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Il-Qorti qeghda tirrespingi it-tieni lment.**

**iii) <u>It-tielet ilment</u>**

Ir-rikorrent ilmenta li l-istralcjarju kiser l-Art 273 tal-Kap 386, ghaliex wara li ghaddiet sena jew iktar, baqa` ma sejjahx *creditors meeting* kif kien obbligat li jaghmel skond dik id-disposizzjoni.

L-**<u>Art 273 tal-Kap 386</u>** ighid :-

> *(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 276, fil-kaz li l-istralc idum iktar minn tnax-il xhar, l-istralcjarju ghandu jsejjah laqgha generali tal-kumpannija fi tmiem l-ewwel tnax-il xahar mill-bidu tal-istralc, u ghal kull zmien sussegwenti ta` tnax-il xahar, jew fl-ewwel data konvenjenti fi zmien tliet xhur mit-tmiem ta` tnax-il xahar jew f`dak iz-zmien itwal li r-Registratur jaghti permess ghalih, u ghandu qieghed quddiem il-laqgha rendikont tal-atti u n-negozji tieghu u tat-tmexxija tal-istralc matul it-tnax-il xhar ta` qabel, flimkien ma` sommarju ta` ricevuti u spejjez.*
>
> *(2) Jekk l-istralcjarju jonqos li jhares id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ikun jista` jehel penali.*

> *(3) Membru jew membri li jkollhom mhux anqas minn proporzjon ta` minn ghaxra wiehed tal-kapital azzjonarju mhallas bil-jedd tal-vot f`laqghat generali tal-kumpannija jistghu f`kull zmien, b`talba bil-miktub jehtiegu lill-istralcarju biex isejjah laqgha generali tal-kumpannija. Dik it-talba ghandha tkun iffirmata minn dak il-membru jew dawk il-membri li ghandhom jaghtu l-ghanijet tal-laqgha.*

Id-disposizzjoni tirrigwarda n-nuqqas li tissejjah laqgha generali tal-kumpannija meta istralc idum iktar minn tnax-il xahar.

Ma tirrigwardax in-nuqqas li tissejjah laqgha tal-kredituri, kif pretiz mir-rikorrenti.

Anke li kieku kien hemm in-nuqqas lamentat mir-rikorrenti (li mhuwiex il-kaz) is-sanzjoni mhijiex it-tnehhija tal-istralcjarju.

**Anke dan l-ilment huwa nfondat.**

**iv) <u>Ir-raba` lment</u>**

Ir-rikorrenti tilmenta li l-istralcjarju kemm de proprio kif ukoll nomine ghandu konflitt ta` interess ghaliex huwa assistit mill-istess avukat li qed jassisti ukoll kemm lil Koncar de proprio, kemm lil Donatella Bondin kif ukoll lil KDK.

Izzid tilmenta li Koncar qieghed ihallas lill-istralcjarju u lill-avukat li qieghed jidher ghall-intimati, meta jaf li KDK m`ghandhiex mnejn thallas.

Jilmenta wkoll illi l-istralcjarju qed jiskambja informazzjoni mal-persuna li kontra tieghu l-kumpannija jista` jkollha talbiet skont l-Art 303, 307 u 308 tal-Kap 386.

Dwar ir-rwol tal-avukat, issir referenza ghall-Kapitolu 5 tal-Kodici ta` Etika tal-Avukati fejn huwa trattat il-konflitt ta` interess. Jinghad fir-Rule 1 illi :-

> *An advocate should not accept instruction to act for two or more clients when there is a conflict or likelihood of a conflict between the interests of those clients whether the client is a personal client or a client of the firm or association.*

Rule 3 tghid illi *an advocate must not continue to act for two or more clients where a conflict of interest exists between those clients.*

Dan premess, dak li qieghed jigi skrutinat minn din il-Qorti mhuwiex l-agir tal-avukat li qed jidher ghall-intimati u jekk dan ghandux xi konflitt ta` interess, izda l-agir tal-istralcjarju.

Ghalhekk mhuwiex rilevanti ghall-mertu tal-istanza tal-lum l-ilment li qed isir mir-rikorrenti dwar il-komportament tal-avukat koncernat.

Il-Qorti tqis ukoll li fil-kazi li fihom Dr Micallef bhala stralcjarju qed ikun assistit mill-istess avukat ta` Koncar, ta` KDK u ta` Donatella Bondin, dawn kollha hadu posizzjoni komuni kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ndikat disposizzjonijiet partikolari tal-Kap 386 sabiex issostni l-ilment taghha :-

L-**<u>Art 303</u>** li jghid :-

> *(1) Kull privilegg, ipoteka jew piz iehor, jew trasferiment jew disponiment ta` proprjetà jew jeddijiet, u kull hlas, ezekuzzjoni jew att iehor dwar proprjetà jew jeddijiet maghmula mill-kumpannija jew kontriha, u kull obbligazzjoni li tidhol fiha l-kumpannija, fi zmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija ghandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri taghha, kemm jekk ikunu ta` xorta gratuwita jew jekk ikunu ta`xorta oneruza jekk jikkostitwixxu operazzjoni taht ilvalur jew jekk tinghata preferenza, kemm-il darba l-persuna li favur taghha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raguni tahseb li l-kumpannija kienet x`aktarx se tkun xolta minhabba insolvenza, u fil-kaz li l-kumpannija tkun hekk xolta kull referenza bi frodi tkun nulla.*

*(2) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu –*

*(a) kumpannija taghmel operazzjoni taht il-valur jekk :*

*(i) il-kumpannija taghti rigal jew xort`ohra taghmel operazzjoni b`kondizzjonijiet li jipprovdu li l-kumpannija ma tircievi ebda konsiderazzjoni ;*

*jew*

*(ii) il-kumpannija taghmel operazzjoni ghal konsiderazzjoni li l-valur taghha, fi flus jew valur ta` flus, ikunu b`mod sinifikanti inqas mill-valur fi flus jew mill-valur ta` flus tal-konsiderazzjoni provduta mill-kumpannija;*

*(b) kumpannija taghti preferenza lil persuna jekk :*

*(i) dik il-persuna tkun wahda mill-kredituri jew garanti ta` xi dejn jew passiv iehor tal-kumpannija ; u*

*(ii) il-kumpannija taghmel xi haga jew thalli li ssir xi haga li, f`kull kaz, ikollha l-effett li tqieghed lil dik il-persuna f`qaghda li, fil-kaz li l-kumpannija tmur ghal stralc ta` insolvenza, tkun f`qaghda ahjar milli kienet tkun kieku dak l-eghmil jew nuqqas ma jkunx sar.*

L-**<u>Art 307</u>** li jghid :-

*(1) Meta kumpannija tkun xolta skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 214, kull persuna, li qabel kienet jew li tkun ufficjal tal-kumpannija, titqies li tkun ghamlet reat jekk, fi zmien tnax-il xahar minnufih qabel id-data meqjusa bhala d-data tax-xoljiment, tkun -*

*(a) hbiet xi parti tal-proprjetà tal-kumpannija jew tkun hbiet xi dejn dovut lill-kumpannija jew minnha ; jew*

*(b) bi frodi warrbet xi parti mill-proprjetà tal-kumpannija ;*

*jew*

*(c) hbiet, iddistruggiet, immutilat jew iffalsifikat xi ktieb jew karta li tolqot jew li ghandha x`taqsam mal-proprjetà jew mal-affarijiet tal-kumpannija ; jew*

*(d) ghamlet xi registrazzjoni falza f`xi ktieb jew karta li tolqot jew li jkollha x`taqsam mal-proprjetà jew mal-affarijiet tal-kumpannija ; jew*

*(e) bi frodi telqet minn idejha jew bidlet xi dokument li jolqot jew li ghandu x`jaqsam mal-proprjetà jew mal-affarijiet tal-kumpannija; jew*

*(f) tat bi plegg jew iddisponiet minn xi proprjetà tal-kumpannija li tkun inkisbet bi kreditu u tkun ghadha ma thallsitx, kemm-il darba l-plegg jew id-disponiment ma jkunx sar fil-kors ordinarju tan-negozju tal-kumpannija; jew*

*(g) b`xi rapprezentazzjoni falza jew frodi iehor, kisbet proprjetà ghal jew ghan-nom tal-kumpannija bi kreditu li l-kumpannija sussegwentement ma thallasx; jew*

*(h) ezercitat xi rapprezentanza falza jew frodi bil-ghan li tikseb il-kunsens tal-kredituri tal-kumpannija jew ta`uhud minnhom ghal ftehim dwar l-affarijiet tal-kumpannija jew dwar ix-xoljiment taghha.*

*(2) Persuna bhal dik titqies li tkun ghamlet reat jekk fiz- zmien imsemmi fis-subartikolu (1) kienet taf li xi hwejjeg imsemmija fil-paragrafi (c), (d) u (e) tieghu kienu qed isiru minn xi hadd iehor, u titqies li tkun ghamlet reat jekk, f`xi zmien wara d-data meqjusa bhala d-data tax-xoljiment, din taghmel xi wahda mill-hwejjeg imsemmija fil-paragrafi minn (a) sa (h) ta` dak is-subartikolu, jew tkun taf li xi hadd iehor qed jaghmel xi wahda mill-hwejjeg imsemmija fil-paragrafi minn (c) sa (e) ta` dak is-subartikolu.*

*(3) Persuna akkuzata tista` ggib bhala prova li hi ma kellhiex il-hsieb li taghmel frodi jew li tahbi l-affarijiet tal-kumpannija jew li tikser il-ligi.*

*(4) Meta persuna taghti bi plegg jew xort`ohra tiddisponi minn xi proprjetà f`cirkostanzi li jammontaw ghal reat taht is-subartikolu (1)(f), kull persuna li tircievi l-proprjetà bi plegg jew xort`ohra tircievi l-proprjetà meta tkun taf li din tkun pleggjata jew disposta f`dawk ic-cirkostanzi, tkun hatja ta` reat.*

*(5) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, il-kelma "ufficjal" ghandha tinkludi kull persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet taghha id-diretturi ta` kumpannija jkunu normalment jagixxu.*

*(6) Persuna hatja ta` reat taht dan l-artikolu tista` tehel, meta tinsab hatja, multa ta` mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa` mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (232,937.34) jew prigunerija ghal perijodu ta` mhux aktar minn hames snin jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

L-**<u>Art 308</u>** ighid :-

*(1) Meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata mill-qorti jew volontarjament, persuna titqies li tkun ghamlet reat jekk hi, meta tkun ufficjal tal-kumpannija -*

*(a) tkun ghamlet jew geghlet li jsir xi rigal jew trasferiment ta`, jew piz fuq, jew tkun geghlet jew hadet sehem fl-ezekuzzjoni ta` xi titolu ezekuttiv kontra l-proprjetà tal-kumpannija; jew*

*(b) tkun hbiet jew nehhiet xi parti mill-proprjetà tal-kumpannija mid-data, jew fix-xahrejn ta` qabel id-data, ta` xi sentenza jew ordni mhux ezegwit ghall-hlas ta` flus kontra l-kumpannija.*

*(2) Persuna mhiex hatja ta` reat taht is-subartikolu (1) jekk tipprova li, fil-hin tal-imgieba*

*li tikkostitwixxi r-reat, hi ma kellha ebda hsieb li taghmel frodi lill-kredituri tal-kumpannija.*

*(3) Persuna hatja ta` reat taht dan l-artikolu tista` tehel multa ta` mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa` mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (232,937.34) jew prigunerija ghal perijodu ta` mhux aktar minn hames snin jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

*(4) Ghall-finijiet ta` dan l-artikolu, l-espressjoni "ufficjal" ghandha tinkludi kull persuna li skont id-direzzjonijiet jew l-istruzzjonijiet taghha d-diretturi ta` kumpannija jkunu wzati jagixxu.*

Kemm waqt il-gbir tal-provi kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni, ir-rikorrenti baqghet ma nkwadratx l-argumenti taghha fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet.

Daqstant iehor ma ressqitx provi biex turi kif l-istralcjarju kiser dawn id-disposizzjonijiet.

Il-Qorti tishaq illi milli rrizulta ta` kif agixxa ma ssibx vjolazzjoni da parti tieghu ta` dawn id-disposizzjonijiet.

**L-ilment huwa fl-assjem tieghu nfondat.**

**v) <u>L-ilmenti l-ohra</u>**

Ir-rikorrenti tilmenta li skont l-*accounts* ta` KDK, sal-31 ta` Dicembru 2012 (Dok G a fol 34 sa 63), din kellha access ghal aktar minn US$ 14-il miljun. Tghid li dawn *sparixxew* qabel KDK kienet xjolta u mqeghda fi stralc sabiex in-*net asset worth* taghha jkun xejn. Dan sar ghad illi Koncar kien jaf bil-kreditu tar-rikorrenti.

Il-Qorti qeghda tiskarta din il-pretensjoni bhala sostanzjalment infondata.

Ladarba skont ir-rikorrenti l-assi *sparixxew* qabel beda l-istralc, ir-rikorrenti ma tistax taddebita nuqqas lil Dr Micallef li sar stralcjarju wara li kienet tat ir-rizenja taghha Donatella Bondin.

Ghar-rigward tar-responsabilita` kriminali ta` Koncar barra minn Malta (Dok H a fol 64 sa 66) bhala raguni ghat-tnehhija ta` Dr Micallef, il-Qorti tghid illi mhuwiex il-kompitu taghha li tidhol ghal ezami tal-akkuzi u tal-provi li gab Koncar (Dok RM 12 a fol 196 sa fol 198 u Dok RM 13 a fol 199 sa fol 201). Li huwa rilevanti ghaliha hija l-fondatezza o meno tat-talba ghat-tnehhija tal-istralcjarju. Il-fatt li Koncar seta` ma kellux fedina penali nadifa ma jfissirx allura li l-istralcjarju kien messu rrizenja.

Fil-fehma ta` l-Qorti, bil-mod kif agixxa l-istralcjarju, ma kkawza l-ebda pregudizzju lir-rikorrenti.

Ghadu qed jistenna decizjoni mill-Qorti dwar il-kreditu tar-rikorrenti u haseb sabiex fil-kaz li jkun hemm decizjoni finali favur ir-rikorrenti, ikun hemm bizzejjed fondi mnejn tithallas.

Kif qalet din il-Qorti fil-provvediment li tat fl-24 ta` Marzu 2014 fil-kawza **AX Holdings limited et vs. Registratur tal-Kumpanniji** : *"il-persuna li taccetta l-hatra, specjalment fi stralc volontarju bhal ma kien dak tal-lum, non puo` lasciare niente al caso izda ghandha turi kawtela, tkun vigilanti – mohhu hemm, kif ighid il-Malti"*.

Hekk irrizulta li ghamel Dr Micallef.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u dwar ir-risposta tal-intimat billi qeghda :**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari. Ghalhekk tillibera lil Dr Renald Micallef f`ismu propju mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad it-tieni (2) eccezzjoni preliminari.**

**Tilqa` l-eccezzjoni fil-mertu.**

**Tichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**Tordna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**